QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
(Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

Seduta ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' Settembru, 2023

Numru 3

Rikors Numru 11/22 TA

Dr. Roderick Caruana (ID 105390M)

vs

Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja
u
l-Avukat tal-Istat

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Dr. Roderick Caruana (l-Attur) tal-10 ta' Jannar 2022 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"Introduzzjoni

1. Permezz ta' ittra datata 10 ta' Settebru 2021, hawn annessa u mmarkata bħala **Dok.RC1** (l-"**Deċiżjoni**") (liema document huwa anness mad-dokument mmarkat **RA 1** anness ma' dan ir-rikors), il-Korp ikkomunika d-deċiżjoni tiegħu li jimponi piena, hekk imsejħa amministrattiva, fl-ammont ta' €61,573 ai termini tal-artikolu 13 tal-Att Kontra Money Laundering (Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-"**Att**") u

Regolament 21 tar-Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu (L.S. 373.01 tal-Liġijiet ta' Malta) (ir-"**Regolamenti**").

2. Kif jirriżulta mid-Deċiżjoni nnifisha, tali piena amministrattiva ġiet imposta wara li l-Korp allegatament sab diversi nuqqasijiet fl-operat tal-appellant.

3. Caruana ħassu aggravat mid-Deċiżjoni u għaldaqstant ressaq appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede inferjuri), skont it-termini tal-Att. Dan huwa anness u mmarkat bħala **Dok RA1** u jagħti rendikont dettaljat tal-isfond fattwali li wassal għall-appell in kwistjoni. Madanakollu, apparti aggravji bbażati fuq il-liġi ordinarja, Caruana għandu ukoll ilmenti ta' natura kostituzzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-Att, ir-Regolamenti, l-investigazzjoni li ġiet kondotta mill-Korp kif ukoll mad-Deċiżjoni u għaldaqstant qed iressaq ukoll dan ir-rikors kostituzzjonali sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi dwar l-ilmenti tagħhom.

4. Fis-suċċint, u kif ser jiġi spjegat fid-dettal iktar l-isfel, Caruana qed iressaq din il-kawża minħabba l-fatt li, skonthu, hemm numru ta' dispożizzjonijiet fl-Att u fir-Regolamenti li minnhom infushom jilledu d-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq. Addizzjonalment, jirriżulta wkoll li l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni kien bi ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq. Caruana jissottometti wkoll li l-Att, ir-Regolamenti u l-*Implementing Procedures* mhumiex ippromulgati abbażi tal-prinċipju *nullum crimen nulla poena sine lege* u għaldaqstant dan ukoll jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu. F'dawn il-proċeduri għalhekk, Caruana qed iressaq il-pretenzjonijiet tiegħu li:

a. Primarjament, li l-liġi tilledi dritt ta' smigħ xieraq kif protett mill-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-**Kostituzzjon**i") u/jew l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ("**il-Konvenzjoni**"). L-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni huwa ċar u jipprovdi li meta persuna tkun akkużata b'reat kriminali, dik il-persuna għandha tiġi mogħtija smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqfa b'liġi. F'dan il-każ, il-qafas regolatorju li hu stabbilit permezz tal-Att u r-Regolamenti[1] huwa tali li jagħti lil-Korp il-poteri kbar biex jaġixxi bħala investigatur, prosekutur u 'qorti'. Madanakollu l-Korp mhuwiex qorti indipendenti u mparzjali skont ir-rekwiżiti tal-Kostituzzjoni. Lanqas hemm rimedju adegwat fil-liġi stess li tista' b'xi mod tissanzjona tali ksur. Il-liġi li permezz tagħha l-Korp jopera, ma tipproteġix id-drittijiet ta' Caruana u għaldaqstant,

[1] B'mod partikolari, l-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13 A, u/jew 13 B, 13 C u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti;

f'dawn il-proċeduri, Caruana qed jitlob li l-Qorti ssib li liġi kif kostitwita tilledi d-dritt tiegħu tas-smigħ xieraq.

b. Addizzjonalment, Caruana jilmenta li:

i. l- mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-Deċiżjoni, jilledi l-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (6)(a) tal-Kostituzzjoni;

ii. L-Artikolu 13 tal-Att, u/jew ir-Regolament 21 tar-Regolamenti u/jew l-Implementing Procedures – Part 1 u Part 2 (Remote Gaming) maħruġa mill-Korp ('l-Implementing Procedures") abbażi tal-liema l-Korp sab ksur li wassal għad-Deċiżjoni, jilledu l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Dan għaliex, il-Korp abbuża mid-diskrezzjoni mogħtija lilu mill-liġi, aġixxa arbitrarjament u b'abbuż tal-poteri tiegħu u sab li Caruana kien ħati ta' akkużi ta' natura kriminali li ma jirriżultawx mil-liġi.

L-applikabilita' tal- Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni

5. L-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jirrikjedi li meta persuna tkun akkużata b'reat kriminali, dik il-persuna għandha tiġi mogħtija smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan, għall-kuntrarju ta' proċeduri li jittrattaw deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' drittijiet ċivili fejn l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi dan jista' jsir quddiem kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi. Bl-istess mod l-artikolu Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni jiggrantixxi ukoll dritt ta' smigħ xieraq minn tribunal jew qorti imparzjali u indipendenti.

6. Hu issa stabbilit mill-ġurisprudenza estensiva illi proċeduri amministrattivi bħal dawk in kwistjoni mhumiex proċeduri ta' natura ċivili, iżda ta' natura kriminali. Għaldaqstant, l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-kap kriminali ta' Artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplikaw.[2]

[2] Diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stabbilew li l-kap kriminali ta' Artikolu 6 ikun japplika għal proċeduri relatati ma' reati amministrattivi, bħal per eżempju l-proċeduri in kwistjoni dwar il-liġi tal-kompetizzjoni. Ara, *Bendenoun v France*, Rikors Numru 12547/86 (24 ta' Frar 1994); *Jussila v Finland*, Rikors Numru 73053 (23 ta' Novembru 2006) u *Engel and others v the Netherlands*, Rikorsi Numru 5100/71, 5102/71, 5370/72 (8 ta' Ġunju 1976). Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet illi Artikolu 6 jkun japplika għal proċeduri amministrattivi jekk l-elementi li ġejjin (komunement magħrufa bħala l-*Engel criteria*) ikunu sodisfatti:

a) Il-liġi li tistipula l-penali tkopri ċ-ċittadini kollha fil-kapaċita' tagħhom ta' *taxpayers;*

7. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("**QEDB**"), fil-każ *Jussila v Finland*[3] spjegat fid-dettall id-diversi akkużi kriminali li jistgħu jinġiebu fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi simili għall-proċeduri in kwistjoni u l-applikazzjoni ta' Artikolu 6. F'dan il-każ, il-QEDB iddikjarat is-segwenti:

"*There are clearly 'criminal charges' of different weight. What is more, the autonomous interpretations adopted by the Convention institutions of the notion of a 'criminal charge' by applying the Engel criteria have underpinned a gradual broadening of the criminal head to cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law, for example administrative penalties (Ozturk, cited above), prison disciplinary proceedings (Campell and Fell v the United Kingdom, 28 June 1984, Series A no. 80), customs law (Salabiaku v France, 7 October 1988, Series A no. 141-A), competition law (Societe Stenuit v France, 27 February 1992, Series A no. 232-A), and penalties imposed by a court with jurisdiction in financial matters (Guisset v France, no 33933/96, ECHR 2000-IX). Tax surcharges differ from the hard core of criminal law; consequently, the criminal-head guarantees will not necessarily apply with their full stringency.*"

8. F'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza tal-QEDB żviluppat b'tali mod illi ddikjarat li f'każijiet ta' dawn it-tipi ta' liġi kriminali mhux intranżiġenti (bħall-proċeduri in kwistjoni ta' liġi amministrattiva fil-qasam tal-*Money Laundering*), penali kriminali jistgħu jiġu mposti minn korp amministrattiv jew non-ġudizzjarju fl-ewwel istanza, iżda l-persuna kontra min il-penali tkun imposta ikollha dritt li titlob stħarriġ ġudizzjarju komplet dwar tali deċiżjonijiet. F'*A Menarini Diagnostics S.R.L v Italia*, il-QEDB ddeċidiet kif ġej:

"*59. La conformita' con l'articolo 6 della Convenzione non esclude che in un procedimento di natura amministrativa, una "pena" sia inflitta da un'autorita' amministrativa. Si presuppone pero' che la decisione di un'autorita' amministrativa che non soddisfi le condizioni di cui all'articolo 6 § 1 debba subire un controllo a posteriori da un organo giudiziario avente giurisdizione piena... Tra le caratteristiche di un organo giudiziario avente piena giurisdizione vi e' il potere di riformare in ogni modo, in fatto come in diritto, la decisione, resa da un*

---

b) Is-*surcharge* ma kinitx intiża bħala kumpens pekunjarju għad-danni imma essenzjalment bħala piena li tiskoraġġixxi lil min jerġa joffendi;
c) Kienet imposta taħt regola ġenerali b'għanijiet kemm deterrenti u punitivi;
d) Is-*surcharge* kienet sostanzjali.

[3] Ċitata *supra*

organo di grado inferiore. Detto giudice deve essere competente a giudicare tutte le questioni di fatto e di diritto rilevanti per la controversia per cui e' adito."

9. Jirriżulta ċar, li għalkemm, dawn l-akkużi huma ta' natura amministrattiva, xorta waħda jitrattaw kwistjonjiet li għandhom natura ta' akkużi kriminali. Kif għamlet il-QEDB, f'*Engel*, wieħed jagħmel distinzjoni bejn il-pieni li jaqgħu fil-kategorija ta' *"hard core of criminal law"* u pieni li jitnisslu minn *"cases not strictly belonging to the traditional category of the criminal law"*. Għalkemm dawn il-każijiet ma jaqgħux taħt il-kategoriji konvenzjonali li ġeneralment insibu taħt il-liġi kriminali, u *"the criminal head guarantees will not necessarily apply with their full stringency",*[4] xorta jrid jiġi f'kull każ protett, u jiġi assigurat li, id-dritt ta' smigħ xieraq tagħhom ma jiġix leż u li l-akkużat għandu jkollu rimedju quddiem Qorti li għandha d-dritt tissindika u tikkonsidra kemm il-kwistjonijiet kollha relatati mal-fatti kif ukoll dawk relatati ma' punti ta' liġi, almenu fl-istadju tal-appell.

10. Il-Qorti Kostituzzjonali Maltija wkoll ikkonfermat li dawn it-tip ta' proċeduri, huma ta' natura kriminali u għaldaqstant id-dritt ta' smigħ xieraq għandu japplika. F'dan ir-rigward, referenza issir għas-sentenza *Angelo Zahra v Kummissarju tat-Taxxi Interni,*[5] *Federation of Estate Agents v Direttur Ġenerali Kompetizzjoni* [6] u *Rosette Thake noe v Kummissjoni Elettorali*[7], fost oħrajn.

Il-Ksur tal- Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjioni

11. Analiżi tal-artikoli u r-regolamenti rilevanti tal-Att u tar-Regolamenti jwassal sabiex, wieħed jikkonkludi li hemm leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq.

Il-Ksur tal-Artikolu 39 (1): Il-Korp mhuwiex Qorti

12. L-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jirrikjedi li meta persuna tkun akkużata b'reat kriminali, dik il-persuna għandha tiġi mogħtija smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan, għall-kuntrarju ta' proċeduri li jittrattaw deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' drittijiet ċivili fejn l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi dan jista' jsir quddiem kull qorti jew awtorità oħra

[4] Ara *Bedenoun v France* sopraċitata
[5] 29 ta' Mejju 2015;
[6] 3 ta' Mejju 2016;
[7] Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Ottubru 2018

ġudikanti mwaqqfa b'liġi. Din id-distinzjoni giet asserita l-ewwel darba fil-kaz *Pulizija v. Emmanuel Vella.*[8]

13. Hu issa stabbilit mill-ġurisprudenza estensiva illi proċeduri amministrattivi bħal dawk in kwistjoni mhumiex proċeduri ta' natura ċivili, iżda ta' natura kriminali (ara l-każistika kollha tal-Qorti Kostituzzjonali li għaliha issir referenza fil-paragrafu 10). F'dawk is-setenzi, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet u stabbiliet il-prinċipju li proċeduri ta' natura kriminali, skont il-Kostituzzjoni (kuntrarjament għall-art 6 tal-ECHR) , jistgħu jiġu determinati biss minn qorti (u qorti tfisser biss il-qrati inferjuri presjeduti minn Maġistrati u dawk superjuri presjeduti minn Imħallfin)[9]. L-enfasi għalhekk hija fuq il-ħtieġa kategorika illi kwistjonijiet ta' natura kriminali jiġu sindikati u deċiżi biss minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Jirriżulta nkontestat li l-proċeduri ta' natura penali u l-impożizzjoni tal-piena, hekk imsejjħa amministrattiva, ġiet imposta mill-Korp u mhux minn qorti indipendenti u imparzjali skont kif jirrekjedi l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u għaldaqstant abbażi ta' dan il-fatt biss, il-Qorti għandha ssib li l-liġi hija leżiva u għandha tilqa' t-talbiet rikorrenti.

Il-Kostituzzjoni tal-Korp skont il-liġi: Awtorita' mhux indipendenti u awtonoma

14. Il-Korp mhux awtorita' indipendenti u awtonoma. L-artikoli 15 u 16 tal-Att jistabbilixxu l-Korp u jiddefinixxu l-funzjonijiet tiegħu. I-Korp huwa, fost oħrajn, responsabbli għall-ġabra, l-kollazzjoni, l-ipproċessar, l-analisi u t-tixrid ta' informazzjoni bil-għan li jipprevjeni, jinkixef u b'mod effettiv jiġi miġġieled *money laundering* u finanzjar ta' terroriżmu. Fost ħafna poteri, il-Korp għandu l-poter li jissorvelja ċertu operazzjonijiet u jinvestiga lil persuni suġġetti, jagħti istruzzjonijiet, kif ukoll jimponi pieni amministrattivi. Madanakollu, l-Korp ma jistax jitqies bħala Korp li huwa wieħed indipendenti u imparzjali:

12.1 L-Artikolu 15(3) tal-Att jipprovdi li:

> Il-Korp għandu jagħmel ftehim ta' qadi li tagħmel l-aġenzija mal-Ministru, liema ftehim għandu jistabbilixxi l-finanzjament tal-aġenzija u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-artikolu 16(1), kull ħidma speċifika li taqa' fl-iskop tal-funzjonijiet tal-Korp li għandhom ikunu indirizzati u miksuba mill-Korp.

[8] Qorti Kostituzzjonali, 28 ta' Ġunju 1983;

[9] *Pulizija v Emmanuel Vella,* 28 ta' Ġunju 1983

Għaldaqstant, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jiddetta l-mod kif jiġi finanzjat il-Korp u jista' ukoll jimponi, ħidmiet oħra speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati u miksuba mill-Korp, lil'hinn mill-artikolu 16 tal-Att. Dan il-ftehim mhuwiex wieħed pubbliku.

12.2. Il-Korp huwa kostitwit minn Bord ta' Gvernaturi u Direttur[10]. Il-Bord huwa responsabbli għall-politka li għandha tiġi adottata mill-Korp u li għandha tiġi esegwita u mwettqa mid-Direttur[11]. Il-Bord huwa kollu kemm hu appuntat mill-Ministru skont it-termini tal-Artikolu 19(2) u (3) tal-Att, il-membri tal-Bord huma mħallsin mill-Ministru tal-Finanzi u huma appuntati biss għall-perjodu ta' tlett snin.

12.3 Id-deċiżjoni dwar l-impożizzjoni tal-piena amministrattiva tiġi meħuda mill-*"Compliance Monitoring Committee"* tal-Korp li l-membri tagħha huma d-direttur tal-Korp, id-deputy director tal-Korp u rappreżentanti mis-sezzjonijiet tas-Supervision and Enforcement u Legal Affairs tal-Korp. Fi kliem ieħor, magħmula minn impjegati tal-Korp stess li għalhekk ma humiex imparzjali u li jiġbdu l-istess ħabel tal-Korp.

15. Fl-eżerċizzju ta' dawn il-poteri diskrezzjonarji, skont id-dispożizzjonijiet legali li jirregolawh, il-Korp qatt ma jista' jkun imparzjali. Il-Korp huwa awtorita' pubblika li taġixxi bħala investigatur, prosekutur u Qorti fl-istess ħin. Huwa enti li:

a. jifformola r-regolamenti li japplikaw lil persuni suġġetti li jirregola;

b. jikkonduċi hu stess, fid-diskrezzjoni tiegħu l-ispezzjonijiet u l-investigazzjonijiet fuq persuni suġġetti u jevalwa l-informazzjoni li jiġbor hu stess;

c. Jaġixxi kemm ta' prosekutur iżda fl-istess ħin ukoll ta' imħallef u sussegwentement jasal għal konklużjonijiet ta' ħtija daqs li kieku kien xi tribunal indipendenti u imparzjali, jew daqs li kieku bħala Korp li jieħu tali deċiżjoni huwa indipendenti minn dak illi fil-fatt jagħmel l-allegazzjoni oriġinali.

Tipprova kemm tipprova, l-Korp żgur ma jistax jitqies bħala indipendenti u imparzjali, ċertament qatt ma jista jiġi kkunsidrat indipendenti minnhu nnifsu, jew imparzjali bil-mod ta' kif jikkonkludi l-ħtija meta jkun huwa li jivvalida l-investigazzjonijiet tiegħu stess. Bl-istess mod, il-proċess investigattiv quddiem il-Korp żgur ma jiżgurax dritt ta' smigħ xieraq. Nonostante l-fatt li l-Korp bl-ebda mod mhu awtonomu jew imparzjali, u nonostante l-fatt li persuna suġġetta li tiġi

[10] Artikolu 18(1) tal-Att
[11] Artikolu 18(2) tal-Att

affaċċjata bi proċeduri amministrattivi quddiem il-Korp bl-ebda mod ma jista' jingħata smigħ xieraq, il-Korp jiġi mogħni poteri kbar u diskrezzjonarji biex jimponi sanzjonijiet u multi kbar u punittivi.

16. Fil-fatt il-pieni li jiġu mposti mill-Korp huma tali li ma jeċċedux €5,000,000, darbtejn daqs l-ammont tal-benefiċċju miksub mill-kontravvenzjoni, jew 10% tat-*turnover* tal-persuna li hija suġġetta għall-multa amministrattiva. Ai termini tar-Regolamenti imbagħad, fil-każ ta' persuna suġġetta li tkun qegħda twettaq xi attività rilevanti il-Korp ma jistgħax jimponi piena amministrattiva li teċċedi miljun euro (€1,000,000) jew, meta l-benefiċċju li jinkiseb minn dik il-kontravvenzjoni jista' jiġi kwantifikat, li tkun iżjed minn darbtejn l-ammont tal-benefiċċju hekk miksub[12]. Dawn il-pieni għandhom jiġu mposti skont il-politika u l-proċedura mfassla mill-Bord minn żmien għal żmien (fatt ieħor li jkompli jikkontribwixxi għan-nuqqas ta' imparzjalita' u indipendenza)[13]liema politika u proċedura ma tiġix pubblikata u l-Korp anqas ma jġibhom a konjizzjoni ta' persuni suġġetti bħal Caruana.

17. Abbażi ta' dan il-fatt biss, jirriżulta li hemm akkuża kriminali li qed tiġi determinata minn persuna li la hi Qorti u wisq anqas hija indipendenti u imparzjali, u għaldaqstant dan huwa bi ksur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni.

18. Fi kliem ieħor, jekk wieħed għal forza tal-argument irid jagħmel parallel ma reati penali aktar tradizzjonali, dan huwa l-istess daqs li kieku l-pulizija jkollha l-poter li wara investigazzjoni però mingħajr ebda proċess ġudizzjarju tikkundanna lil persuna għal-ħtija.

L-appell li jingħata skont l-Att lil Caruana mhuwiex rimedju adegwat biex jassigura d-dritt ta' smigħ xieraq

19. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk wieħed jieħu l-interpretazzjoni iktar laxka li taddotta l-QEBD milli dik tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi tal-*Federation of Estate Agencies* u *Thake,* u cioe, li jekk hemm ċertu leżjonijiet ta' dritt ta' smigħ xieraq fil-proċeduri amministrattivi quddiem il-Korp dawn jistgħu jiġu ssanati iktar tard fl-istadju tal-appell li jittenta jipprovdi għal dritt ta' smigħ xieraq, jiġi umilment sottomess li d-dritt tal-appell mogħti lil Caruana skont l-Att mhuwiex biżżejjed sabiex jipproteġi, jissalvagwardja u jissodisfa d-dritt ta' smigħ xieraq skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

[12] Regolament 21 (b)(1) tar-Regolamenti
[13] Artikolu 13 tal-Att

20. L-Att jipprovdi li d-Deċiżjoni tal-Korp, kif ukoll l-impożizzjoni ta' multa, ai termini tal-Att jew tar-Regolamenti, tista' tiġi appellata skont l-Artikolu 13A. L-appell jista' jsir kemm fuq il-fatti kif ukoll fuq punt ta' dritt. Analiżi superfiċjali ta' din id-dispożizzjoni jwassal biex wieħed mad-daqqa t'għajn jgħid li għalhekk ma hemm l-ebda leżjoni u li appellant jista' jistaqsi għar-reviżjoni kemm fuq punt ta' dritt kif ukoll fuq konsiderazzjoni ta' fatti. Meta però wieħed jikkonsidra l-mod kif il-liġi tippermetti li jsir dan l-appell, jirriżulta li l-liġi hija mankanti u r-rimedju li tipproponi jirriżulta insuffiċjenti. L-appell jiġi rregolat skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap 12 li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri tal-appell ċivili. Il-proċedura tal-appell, però, skont kif regolata mill-liġi mhix tali biex tissanzjona l-ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq fil-proċeduri li saru quddiem il-Korp. L-appell li jista' jsir skont l-Att, kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Kap 12 li jirregolaw il-proċedura tal-appell, ma jirriżultawx fil-possibilita' ta' Qorti li b'mod sħiħ tista' tikkonsidra u tiddetermina l-akkuża kriminali.

21. Dan għas-segwenti raġunijiet:

19.1 Il-proċedura tal-appell, fil-Kap 12 hija regolata b'mod strett u ma tixbaħx il-proċeduri fil-Prim' Istanza meta wieħed jibda proċeduri legali u jkollu d-dritt iressaq il-provi, jistaqsi għall-produzzjoni ta' dokumenti li m'għandux fil-pussess tiegħu, jagħmel kontro-eżamijiet u sottomissjonijiet ulterjuri.

19.2 Fl-appell il-proċeduri bil-miktub jingħalqu mal-preżentata tar-rikors tal-appell u r-risposta. Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li l-Qorti tal-appell tista' tippermetti, lil waħda mill-partijiet, li tippreżenta skrittura oħra.[14]

19.3 Kull dokument rilevanti għall-appell għandu jiġi mehmuż mar-rikors tal-appell.[15] Kwalunkwe dokument ieħor li ma ġiex ippreżentat mar-rikors tal-appell jista' jiġi ppreżentat biss f'każijiet limitati u eċċezzjonali li huma mniżżlin fl-Artikolu 150 tal-Kap 12 u dan biss bl-awtorizazzjoni speċifika tal-Qorti.

19.4 Bħala regola, fl-istadju tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell, ma jistgħux jinġiebu xhieda. Xhieda huma aċċettati biss f'dawk l-istanzi speċifiċi tal-Artikolu 208 tal-Kap 12.[16]

[14] Article 147 tal-Kap 12
[15] Artikolu 145 tal-Kap 12
[16] a) meta l-parti kuntrarja tagħti l-kunsens tagħha; jew (b) meta, bil-ġurament jew b'mezzi oħra, jiġi ppruvat li l-parti li trid iġġib ix-xiehda ta' dak ix-xhud ma kinitx taf biha, jew ma setgħatx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġib dak ix-xhud fil-qorti tal-ewwel grad; jew (ċ) meta t-talba biex tinġieb ix-xiehda ta' dak ix-xhud tkun saret u ġiet miċħuda quddiem il-qorti tal-ewwel grad, u l-qorti fi

19.5 F'dawn il-proċeduri tal-appell, anke jekk ikun konċess li jitressqu l-provi, tkun l-appellanta (u cioe' l-persuna imputata) li trid tipprova l-innoċenza tagħha u tressaq il-provi hi stress, minflok ma jkollok l-awtorita' pubblika li tipprova hi stess li hemm responsabblita' ta' ksur. B'hekk jinqalen l-oneru tal-prova li immedjatament impoġġi lill-appellant fi zvantaġġ insormontabbli.

19.6 Il-Qorti tal-appell hija biss Qorti ta' reviżjoni u mhux Qorti li tista' tikkonsidra l-kwistjonijiet kollha li għandha quddiemha mill-bidu nett. Il-Qorti tal-appell, skont il-ġurisprudenza, m'għandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' dak li ħa l-ewwel deċiżjoni fil-Prim' Istanza, u għandha biss tikkonsidra interpretazzjoni differenti tal-fatti jekk hemm raġunijiet gravi biżżejjed jew jekk il-parti kkonċernata ser tkun ppreġudikata gravement bl-interpretazzjoni tal-fatti.

19.7 Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell huma proċeduri qosra – ġeneralment, huma proċeduri fejn isiru biss żewġ seduti jew tlieta. Addizzjonalment, skont l-Artikolu 13A tal-Att, l-appell għandu jinstema' u jiġi deċiż fiż-żmien 6 xhur biss mill-ewwel seduta tal-appell u ma jista' jkun hemm ebda estenzjoni ta' dan it-terminu ħlief bil-kunsens tal-partijiet jew għar-raġunijiet eċċezzjonali ġustifikati.

22. Mis-suespost jirriżulta li l-proċess tal-appell konċess lil Caruana abbażi tal-Att, mhuwiex wieħed li jipproteġi bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni. Dan għaliex, il-proċeduri kkontemplati mhumiex tali li jagħtu ebda forma ta' ċertezza jew ta' serħan tal-moħħ li Caruana verament ser ikollu ta' smigħ xieraq u adegwat.

23. Huwa essenzjali li l-liġi awtomatikament tagħti l-opportunita' lil-Qorti li tagħmel determinazzjoni finali u dan wara li:

a. tagħmel apprezzament komplet tal-fatti u l-liġi rilevanti;

b. ikollha aċċess komplet u sħiħ għall-file intern tal-Korp li jkun fih kull dokumentazzjoni, informazzjoni, konsiderazzjonijiet interni li għamel il-Korp fir-rigward tas-soċjeta' akkużata bir-reat amministrattiv;

---

grad ta' appell tkun ta' fehma li dik ix-xiehda hija ammissibbli u rilevanti; jew (d) meta l-qorti fi grad ta' appell hija ta' fehma li x-xiehda ta' dak ix-xhud hija meħtieġa jew utili

c. tisma x-xhieda kollha li għandhom il-partijiet u li tista' tkun rilventi f'dawn il-proċeduri u mhux tkun ristretta għall-provvedimenti tal-Kap 12 f'dan ir-rigward.

24. Anki jekk bħala fatt il-Qorti tal-appell, f'kazijiet partikolari, tikkonċedi dan kollu fil-proċess tal-appell, dan ma jista qatt jissana il-pożizzjoni defiċjenti tal-liġi. Hija il-liġi li għandha tipprovdi għal din il-protezzjoni u mhux id-diskrezzjoni tal-Qorti li qegħda tippresjedi xi appell partikolari. Din propju m'għandix u ma tistax tkun mera konċessjoni tal-Imħallef li qiegħed jippresjedi, iżda dritt fondamentali, dritt fil-fatt protett mill-Kostitizzjoni. Iċ-ċertezza tad-dritt u tal-protezzjoni tad-dritt huma essenzjali fl-ambitu ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem u m'għandhom qatt jiddependu fuq l-eżerċizzju min ġudikant ta' diskrezzjoni li tippermettilu l-liġi.

25. Bl-istess mod, sabiex ikun hemm il-parita' tal-armi, persuna li għandha quddiema proċeduri ta' investigazzjoni li jistgħu jwasslu għad-deċiżjoni bħal ma huma d-Deċiżjoni, Caruana għandu jkollu addizzjonalment:

25.1 Dritt garantit mill-liġi li tressaq kull prova neċessarja sabiex jiddefendi ruħu u dan fi żmien raġonevoli, mingħajr ma jiġi stultifikati abbażi ta' proċedura limitata mfassla mill-liġi;

25.2 Dritt ta' preżunzjoni ta' innoċenza u li l-oneru tal-prova ta' allegat ksur tibqa' dejjem fuq il-Korp u mhux – minflok – fuq Caruana. F'dan il-każ, bid-dispożizzjonijiet legali li hemm a dispożizzjoni tiegħu, Caruana huwa preżunt ħati tal-akkużi li nġiebu kontrih u minflok irid iressaq prova kontrarja hu stess għas-sodisfazzjoni tal-Qorti;

25.3 Dritt li jkollhu aċċess komplet għad-dokumentazzjoni, informazzjoni u konsiderazzjonijiet kollha rilevanti (inkluż dawk interni tal-Korp) sabiex ikun verament jista' jiddefendi ruħu u sabiex jifhem b'mod sħiħ kif ttieħdu d-Deċiżjoni fil-konfront tiegħu.

26. Caruana m'għandux iċ-ċertezza li ser ikunu jista' jtella' kull prova neċessarja quddiem il-Qorti jew li inkella jressaq x-xhieda tiegħu. Din il-fakolta' għandha tkun waħda inerenti u awtomatika fil-proċess sħiħ, dan huwa dritt li għandha tkun il-liġi stess li tiggarantiħ u m'għandux jiddependi fuq ebda diskrezzjoni ta' ġudikant. Dan huwa aktar il-kaz tenut kont tal-fatt li sa dak iż-żmien kien il-Korp biss li kien jiddetta t-termini tal-investigazzjoni, kien jitlob l-informazzjoni, janalizzaha u jasal għad-Deċiżjoni mingħajr ebda forma ta' sorveljanza jew skrutinju. Lanqas għandu ċ-ċertezza li l-Korp ser jissottometti d-

dokumentazzjoni kollha rilevanti għall-kawża jew li ser ikollu d-dritt jistaqsi għalih. Sabiex jipprova jagħmel hekk, Caruana ser ikollu jagħmel talba speċifika quddiem il-Qorti u dan biss taħt id-dispożizzjonijet tal-Kap 12 li jagħtu l-fakulta' lil parti fl-appell tagħmel din it-talba. Il-Qorti tista' faċilment tiċħad it-talba, jew inkella tista' tilqa' t-talba biss f'dawk il-każijiet limitati li tippermetti l-liġi. Addizzjonalment, il-Qorti tal-Appell ser tkun taħt pressjoni li tiddetermina l-appell, li jista' jkun ta' natura kumplessa, biss fi żmien sitt xhur kif kontemplat fl-Artikolu 13 tal-Att. Dan meta solitament il-proċedura tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell iddum ferm iktar u meta proċeduri legali quddiem Qorti tal-Prim' Istanza, mogħnija bid-dritt li tisma' kull prova rilevanti u tisma' s-sottomissjonijiet tal-partijiet ukoll idumu ferm aktar. Dan kollu jista' jwassal biex ikollu effett fuq il-*forma mentis* tal-Qorti meta tiġi biex tiddetermina rikjesta għal preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni jew tal-ġbir ta' provi u smigħ ta' xhieda. Għaldaqstant l-istruttura leġislattiva mhux biss ma tipprovdi ebda garanzija ta' smigħ xieraq, talli hija mfassla propju b'mod illi smigħ xieraq ikun improbabbli, u jista biss jissuċiedi jekk il-ġudikant jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu u f'ċerti każijiet ikollu jagħmel hekk billi jinterpreta il-Kap.12 b'mod ġeneruż biex jammetti l-ammissibilità ta' ċerti provi u/jew dokumenti fl-istadju tal-appell. Fi ftit kliem, Caruana m'għandu assolutament ebda garanzija li ser ikun jista' jressaq il-każ tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell u jiddefendi ruħu skont kif tiggarantixxi l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

Il-ksur ta' dritt tal-parita' tal-armi

27. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, Caruana jissottometti wkoll li hemm elementi oħra fil-liġi li jwasslu sabiex f'dan il-każ ma hemm l-ebda parita' tal-armi. Nibdew l-ewwel bid-dritt ta' non-inkriminazzjoni li hu leż bid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti.

28. F'*Saunders v United Kingdom,* il-QEDB qalet illi:

> "*It considers that the general requirements of fairness contained in Article 6, including the right not to incriminate oneself, apply to criminal proceedings in respect of all types of criminal offences without distinction from the most simple to the most complex. The public interest cannot be invoked to justify the use of answers compulsorily obtained in a non-judicial investigation to incriminate the accused during the trial proceedings.*"[17]

[17] Para. 74

29. Isegwi allura illi r-Regolament 21 tar-Regolamenti kjarament jikser d-drittijiet ta' Caruana għal smigħ xieraq kif protetti minn Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. L-impożizzjoni ta' multi ta' din in-natura huma tali illi jistgħu biss iwasslu biex jisfurzaw lil Caruana biex jagħti kull informazzjoni mitluba f'investigazzjoni. Il-multi huma ta' natura punittiva, jistgħu jiġu applikati b'mod wiesgħa ħafna skont id-diskrezzjoni tal-Korp (li huwa l-istess uffiċjal li jinvestiga u wkoll jiddeċiedi jekk hemmx ksur jew le) u barra minn hekk huma eċċessivi u possibilment debilitanti. Dan jitfa' lil kull intrapriża fi żvantaġġ għall-preġudizzju tal-prinċipju tal-*equality of arms* u d-dritt li wieħed ma jitfax ħtija fuqu. Dawn id-dispożizzjonjiet huma totalment opposti għal dak id-dritt – fis-sens illi l-persuna li qed tiġi investigata mhix mogħtija għażla dwar x'tip ta' informazzjoni tista' tipprovdi liberament lill-awtorita' investiganti jew jekk tabilħaqq, ma tridx tipprovdi affattu tali informazzjoni. Għall-kuntrarju, persuna suġġetta investigata tispiċċa dahra mal-ħajt u minħabba n-natura punitiva tal-liġi, tiġi mġiegħla tipprovdi informazzjoni li tista' twassalha biex tinkrimina ruħha.

30. Inoltre' Caruana jissottometti li hemm in-nuqqas tal-parita' tal-armi anke fir-rigward ta' termini. Il-Korp għandu diskrezzjoni assoluta fir-rigward tat-termini tiegħu meta jwettaq investigazzjoni, u kemm jista' jdum jinvestiga biex jikkonkludi rapport u jagħti deċiżjoni. Il-Korp jista' jaħdem kif u meta konvenjenti għalih u jieħu ż-żmien kollu neċessarju biex jiddelibera u joħroġ deċiżjoni finali. Min-naħa l-oħra, Caruana kien marbut bit-termini limitati konċessi lilu mill-Korp u termini ffissati fid-diskrezzjoni tal-Korp. Jekk ma jissodisfax dawk it-termini, l-Korp seta' jimponi multa amministrattiva fuqu. Umbagħad, wara li l-Korp jieħu ż-żmien kollu biex joħroġ id-Deċiżjoni, Caruana għandu biss għoxrin jum biex jippreżenta l-appell tiegħu. Jirriżulta f'dan il-każ li l-Korp kellu kontroll sħiħ tal-proċess investigattiv u dam aktar minn sena biex jasal għad-Deċiżjoni. Min-naħa l-oħra, Caruana mbagħad għandu biss għoxrin jum biex jifhem id-Deċiżjoni u jara jekk u kif għandu jappella minnhom. Dan kollu mingħajr ma għandu aċċess għall-*files* li jikkonċernawh u li qegħdin f'idejn il-Korp.

31. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, Caruana jissottometti li jirriżulta biċ-ċar li d-drittijiet tiegħu kif sanċiti mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni qed jiġu leżi.

Ksur tal-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (6) tal-Kostituzzjoni

32. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, Caruana jissottometti umilment illi l-proċess ta' compliance review/investigazzjoni adottat mill-Korp,

jikser id-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti minn Artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 § 3(a) tal-Konvenzjoni.

33. Artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni jipprovdi kif ġej:

> "(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali -
>
> (a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;"

34. Bl-istess mod, L-Artikolu 6 § 3(a) tal-Konvenzjoni jipprovdi li kull persuna akkużata b'reat kriminali għandha, bħala minimu, id-dritt li tkun infurmata minnufih, b'lingwa li tifhem u bid-dettall, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tagħha.

35. Caruana jissottometti illi l-protezzjoni taħt dawn l-artikoli tapplika anke waqt l-investigazzjoni tal-Korp li twassal għall-ħruġ tal-minded letter tagħha, liem ittra ħarġet fid-5 ta' Ottubru 2020 (**Ara Dok. RC2 anness mar-rikors tal-appell hawn anness u mmarkat bħala Dok RA1**) ("***il-Minded Letter***") u sussegwentement id-Deċiżjoni. Il-QEDB kellha diversi opportunitajiet biex tespandi fuq meta persuna tkun ikkunsidrata bħala "akkużat" u meta, għaldaqstant id-drittijiet ta' L-Artikolu 6 jidħlu fis-seħħ. F'*Deweer v Belgium*[18] il-QEDB qalet illi l-importanza tad-dritt għal smigħ xieraq f'soċjeta' demokratika wasslet lill-Qorti biex tippreferi konċett sostantiv minflok formali tal-akkuża kontemplata f'Artikolu 6.[19] Il-Qorti tat definizzjoni wiesgħa lit-terminu "akkuża". F'*Foti and others v Italy*[20], il-QEDB qalet illi:

> "*this may have occurred on a date prior to the case coming before the trial court (see, for example, the above-mentioned Deweer judgement, Series A no. 35, p. 22, § 42), such as the date of the arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened (see the Wemhoff judgement of 27 June 1968, Series A no. 7, pp. 25-27, § 19, the Neumeister judgement of the same date, Series A no. 8, p. 41, § 18, and the above-mentioned Ringeisen judgment, Series A no. 13, p. 45, § 110). Whilst "charge", for the purposes of Article 6 § 1 (art. 6-1), may in general be defined as "the official notification given to an individual by the competent*

---

[18] Rikors Numru 6903/75 deċiża fis-27 ta' Frar 1980

[19] Ibid. Para 44

[20] Rikors Numru 7604/76 deċiża fl-10 ta' Diċembru 1982

> *authority of an allegation that he has committed a criminal offence", it may in some instanes take the form of other measures which carry the implication of such an allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect (see, inter alia, the Eckle judgement of 15 July 1982, Series A no. 51, p. 33, § 73)*"[21]

36. F'*Ommer v Germany*[22] il-Qorti kkunsidrat li l-esponent kien "akkużat" fil-ġurnata meta rċieva ittra mill-pulizija titolbu biex imur fil-kwartieri ġenerali biex jiġi nterrogat b'konnessjoni mat-twettiq ta' allegat reat.

37. Għaldaqstant, a bażi tal-ġurisprudenza imsemmija hawn fuq, id-drittijiet garantiti minn Artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplikaw mill-mument li Caruana ġie mitlub jagħti l-informazzjoni minħabba potenzjali ksur tal-Att.

38. Qabel mal-Korp ħareġ id-Deċiżjoni, hu ħareġ l-Minded Letter fejn informa lil Caruana dwar il-fatt li hu kien qed jikkonsidra jimponu multa għal-ksur tar-Regolamenti u tal-*Implementing Procedures* u fejn infurmaw lil Caruana li mill-compliance review/investigazzjoni li għamel sab li kien hemm ċertu nuqqasijiet u kien qed jikkontempla isib ksur tal-liġijiet applikabbli. Il-Korp, imbagħad stieden lil Caruana jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward. Madanakollu, il-Korp ma nfurmax lil Caruana dwar l-ammont ta' penali li kien bi ħsiebu jimponi għal kull allegat ksur u għaldaqstant Caruana ma kienx konsapevoli tan-natura tal-gravita' tal-akkuża fil-konfront tiegħu.

39. Jirriżulta għalhekk li l-Korp ma nfurmax sew lil Caruana dwar in-natura tal-akkuża u l-gravita' o meno tal-akkuża li kien qed jinġieb kontrih jew x'tip ta' ksur u multi setgħu jiġu imposti fuqu. B'dan il-mod, Caruana ma kienx f'pożizzjoni li jiddefendi ruħu sew minn kull allegazzjonijiet magħmula. Issir referenza għal *Pelissier and Sassi v France*[23] fejn il-QEDB qalet:

> "*51. The Court observes that the provisions of paragraph 3(a) of Article 6 point to the need for special attention to be paid to the notification of the "accusation" to the defendant. Particulars of the offence play a crucial role in the criminal process, in that it is from the moment of their service that the suspect is formally put on notice of the factual and legal basis of the charges against him (see the Kamasinski v. Austria judgment of 19 December 1989,*

---

[21] Ibid para 52
[22] Applikazzjoni Numru 26073/03 deċiża fit-13 ta' Novembru 2008, para 54
[23] Applikazzjoni Numru 25444/94 deċiża fil-25 ta' Marzu 1999

> *Series A no. 168, pp. 36-37,* § 79). Article 6 §3(a) of the Convention affords the defendant the right to be informed not only of the cause of the accusation, that is to say the acts he is alleged to have committed and on which the accusation is based, but also the legal characterisation given to those acts. That information should, as the Commission rightly stated, be detailed.
>
> 52. The scope of the above provision must in particular be assessed in the light of the more general right to a fair hearing guaraneed by Article 6 § 1 of the Convention (see, mutatis mutandis, the following judgements: Deweer v. Belgium of 27 February 1980, Series A no. 35, pp. 30-31, § 56; Artico v. Italy of 13 May 1980, Series A. No 37, p. 15, § 32; Goddi v. Italy of 9 April 1984, Series A no. 76, p. 11, § 28; and Colozza v. Italy of 12 February 1985, Series A no. 89, p. 14, § 26). The Court considers that in criminal matters the provision of full, detailed information concerning the charges against a defendant, and consequently the legal characterisation that the court might adopt in the matter, is an essential prerequisite for ensuring that the proceedings are fair."

40. F'dan il-każ, hu sottomess illi filwaqt li l-Korp mhux mistenni li jipprovdi l-informazzjoni u d-dettall kollu rigward l-allegat ksur li kien qed jipproponi li jsib, huwa kellu, tal-inqas, jipprovdi lil Caruana bi spjegazzjoni ċara tal-kwistjoni li kienet qed tiġi nvestigata kif ukoll jiddeskrivi kjarament il-preżunti fatti li dwarhom bi ħsiebu jimponi multa. Kellu ukoll jagħti indikazzjoni tal-multa li kien ser jipproponi li jimponi. B'hekk, Caruana kien ikollu (a) l-opportunita' li janalizza b'mod sewwa kemm kienu gravi l-akkużi fil-konfront tiegħu u jwieġeb b'mod sew u opportun u/jew (b) ipoġġi l-investigazzjoni fil-kuntest proprju u jieħu l-miżuri neċessarji meta jwieġeb d-domandi magħmula lilu u jipprvodi informazzjoni b'mod xieraq u b'mod li tkun ta' għajnuna għad-difiża tiegħu. Madanakollu, dan ma sarx: minflok, hu sottomess li Caruana ma ngħatatx id-dettalji kollha tal-bażi tal-investigazzjoni li kienet qed issir fil-konfront tiegħu u b'riżultat t'hekk kien hemm ksur tad-drittijiet kif protetti mill-Artikolu 6 § 3(a) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (6)(a) tal-Kostituzzjoni.

Ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni

41. Caruana ukoll jgħid li mid-Deċiżjoni jirriżulta li hemm ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni kif ukoll tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni. Il-maġġor parti tas-sejbien ta' ksur fid-Deċiżjoni, huma bbażati fuq interpetazzjoni suġġettiva għall-aħħar ta' regoli ġenerali kontenuti fir-Regolamenti u l-Implementing Procedures, jew inkella fuq numru ta' dispożizzjonijiet

ta' Implementing Procedures li kienu ġew disponibbli bħala linji gwida għall-persuni suġġetti miżerjament xahrejn qabel saret investigazzjoni..

42. Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, r-Regolamenti u l-*Implementing Procedures* għandhom ikunu ċari u m'għandhom iħallu ebda dubbju dwar kif iċ-ċittadin jista' jonora l-obbligi tiegħu fil-konfront tal-liġi. L-ebda awtorità pubblika m'għandha żżomm ċittadin responsabbli ta' ksur ta' regolament li jwassal għal multi ta' natura sostanzjali, addiritura ta' natura penali, mingħajr ma jkun hemm ksur ta' liġi jew regolament li jimponu obbligu ċar, u fejn il-liġi tħalli diskrezzjoni dwar kif għandu jew jista' persuna jonora l-obbligi mposti fuqu mill-liġi allura il-benefiċċju tad-dubju għandu f'kull kaz ikun favur iċ-ċittadin.

43. F'*Camilleri v Malta*[24] il-QEBD stabbiliet li

> "The guarantee enshrined in Article 7 should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment Article 7 § 1 of the Convention sets forth the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (*nullum crimen nulla poena sine lege*). It follows that offences and the relevant penalties must be clearly defined by law. This requierment is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provisions and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable (*Scoppola v Italy (no. 2)* 10249/03 (17 September 2009)
>
> When speaking of "law" Article 7 alludes to the very same concept as that to which the Convention refers elsewhere when using that term, a concept which comprises statute law as well as case-law and implies qualitative requirements must be satisfied as regards both the definition of an offence and the penalty the offence in question carries (see Kafkaris, 12 February 2008). An individual must know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assitance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable and what penalty will be impsoed for the act and/or omission."

[24] QEBD, Każ numru 42931/10, 22 ta' Jannar 2013, para 34-35; ara ukoll Varvara v Italy *17475/09,* G.*I.E.M S.R.l. and Others v Italy*, Nos 1828/06

44. Għaldaqstant, liġi li tista' timponi xi forma ta' sanzjoni ta' natura kriminali trid tkun ċara u għandu jkollha bilfors element ta' *foreseeability* fejn persuna tkun tista' tifhem b'mod ċar x'inhi ir-responsabblita' tagħha u xi dmirijiet legali għandha sabiex ma tiġix responsabbli ta' ksur ta' dik id-dispożizzjoni. Filwaqt li fil-qasam tradizzjonali ta' akkużi kriminali (hekk imsejjħa *hard core*) hemm bżonn ukoll ta' dak li l-QEBD tiddeskrivih bħala l-*'mental link'* jew aħjar il-*mens rea* (kif komunament nirreferu għalih f'Malta, għall-finijiet ta' *soft core* criminal offences, bħala huma dawk li jaqgħu taħt l-Att u r-Regolamenti, ma hemmx neċessarjament bżonn il-*mens rea* sal-livell meħtieġ għall-offiżi kriminali *hard core*[25]. Madanakollu, dejjem hemm bżonn ta' ċarezza fil-liġi ta' x'jista' jikkostitwixxi offiża kriminali u l-liġi trid tiżgura li s-sejbin ta' ħtija ta' akkuża kriminali mhix waħda arbitrarja.

45. Mid-Deċiżjoni jirriżulta bl-iktar mod ċar li hemm leżjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni. Ir-rikorrenti jissottomettu li l-mod kif ġew interpretati ċerti partijiet mir-regolamenti u/jew l-Implementing Procedures mill-Korp fid-Deċiżjoni, jilledu d-drittijiet fundamentali ta' Caruana kif sanċiti fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni.

46. Il-mod kif dawn id-dipożizzjonijiet legali huma miktubin huma ġeneriċi. Addizjonalment, il-mod kif applika r-Regolamenti u l-Implementing Procedures il-Korp kien arbitrarju għall-aħħar. Mhux hekk biss però, kif diġa' ntqal fil-paragrafi preċedenti, meta l-Korp ħareġ il-*Minded Letter* u stieden lil Caruana jagħmel s-sottomissjonijiet finali f'dan ir-rigward qabel mal-Korp jasal għal deċiżjoni finali, il-Korp ma nfurmax lil Caruana dwar l-ammont ta' penali li kien bi ħsiebu jimponi għal kull allegat ksur u għaldaqstant Caruana ma kienx konsapevoli tan-natura tal-gravita' tal-akkuża fil-konfront tiegħu.

47. Il-Korp jippretendi li fejn il-liġi timponi fuq persuna suġġetta rekwiżiti jew obbligi ġeneriċi, il-Korp għandu diskrezzjoni assoluta li dawk ir-rekwiżiti u/jew obbligi ġeneriċi jinterpretahom hu kif irid, bi kwalunkwe mod soġġettiv li jaħsibha hu, u mingħajr ma għandu għalfejn ikun raġonevoli jew inkella jagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tiegħu jew għal mod kif qed jinterpreta dawk l-obbligi ġeneriċi. It-teżi tal-appellant hi li għandha tkun il-liġi biss li tista' tipprovdi liċ-ċittadin b'ċertezza dwar il-kondotta tiegħu, kif ukoll il-mod ta' kif jikkomporta ruħu. Issa l-esponent jifhem illi f'ċertu każijiet, l-Istat, jew awtorita' pubblika, huwa mogħni b'ċertu diskrezzjoni meta jkun qed jevalwa jekk hemmx ksur ta' liġi jew le. Madanakollu, dik id-diskrezzjoni mhix assoluta jew għal kollox soġġettiva u ma tistax twassal għal interpretazzjoni differenti jew

[25] G.I.E.M. S.R.L. and Others v Italy

ħafna iktar wiesgħa tad-dispożizzjonijiet legali li l-awtorita' qed tfittex it-tħaris tagħhom u/jew li huma ferm iktar tassattivi fuq il-persuna suġġetta. Fejn il-liġi timponi tali obbligi ġeneriċi li jistgħu jiġu sodisfatti b'modi diversi (u allura ma tiddisponix b'mod tassattiv kif wieħed jista' jottempera ruħu ma dispożizzjonijiet tal-liġi) l-awtorità pubblika m'għandhiex diskrezzjoni jew mansjoni fil-liġi li tiddeċiedi hi stess liema hu l-mod aċċettabbli ta' kif dispożizzjoni tal-liġi għandha tiġi osservata (mingħajr lanqas biss tkun ikkomunikatu mal-persuna suġġetta minn qabel), u f'kaz illi l-mod soġġettiv minnha maħsub (iżda mhux ikkomunikat lill-pubbliku) ma jiġix osservat allura tasal għal konklużjoni li hemm ksur tad-dispożizzjoni legali. Dan imur kontra l-għan tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni kif interpretati mill-każistika vasta tal-QEBD.

It-Talbiet

48. Għal dawn ir-raġunijiet, jgħidu għalhekk l-intimati l-għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

a. Tiddikjara li l-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13 A, u/jew 13 B, 13 C u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem ta' Caruana hekk kif protetti mill-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni; u/jew

b. Tiddikjara konsegwentement li l-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13 A, u/jew 13 B, 13 C u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti huma nulli u bla effett; u/jew

c. Tiddikjara li ll-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-Deċiżjoni, inkluż il-mod kif inħarġet l-Minded Letter, jilledi l-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (6) (a) tal-Kostituzzjoni;

d. Tiddikjara li l-Artikolu 13 tal-Att, u/jew ir-Regolament 21 tar-Regolamenti u/jew ċertu dispożizzjonijiet tar-Regolamenti u/jew l-Implementing Procedures abbażi tal-liema l-Korp sab ksur li wasal għad-Deċiżjoni, jilledu l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni; u/jew

e. Tiddikjara li d-Deċiżjoni, jew parti minnha, u l-mod kif iddeċieda l-Korp jilledi l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni;

f. Tiddikjara konsegwentement nulli u inattendibbli l-proċeduri investigattivi ta' compliance li għamlu l-Korp; u/jew

g. Tiddikjara nulli u inattendibbli id-Deċiżjoni, jew parti minnha, u tħassarha kollha jew in parte; u/jew

h. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu d-danni morali għall-ksur tad-drittijiet fuq imsemmija fil-konfront tal-esponenti; u/jew

i. Tagħti kull provvediment jew rimedju ieħor li din il-Qorti tħoss li huwa opportun."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat) tat-28 ta' Jannar 2022 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

"Preliminari

1. Illi preliminarjament, dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex ir-rikorrent għadu ma eżawrixxiex ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavola din il-kawża kostituzzjonali speċjali. L-esponent jenfasizza li proċeduri kostituzzjonali ma jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji li għandhom dejjem jiġu utilizzati l-ewwel u qabel kollox. Fil-fatt, il-multa amministrattiva mogħtija mill-Korp Għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) qiegħda tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma jistax f'dan l-istadju jingħad li r-rikorrent m'għandux rimedju xieraq meta l-appell għadu lanqas biss ġie deċiż. Għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha u dan skont id-disposizzjonijiet tal-proviso Artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u fid-dawl ta' sensiela ta' sentenzi li ġew deċiżi ai termini ta' dawn l-artikoli;

2. Illi preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, l-esponent jeċċepixxi li l-ilmenti kollha tal-kumpannija rikorrenti ma jistgħux jiġu meqjusa fil-parametri tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress li l-ilmenti tagħha ma jmissux ma' akkużi jew proċeduri kriminali.[26] L-artikoli 12A, u /jew 13, u/jew 13A, u/jew 13B, 13C u/jew 18, u/jew 19 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 li qed jiġu attakkati mill-kumpannija rikorrenti ma jwasslu għad-determinazzjoni tal-ebda reat jew akkuża kriminali. Fil-fatt, minkejja l-effetti serji li deċiżjoni tal-Korp intimat jista' jkollha fuq ir-rikorrenti, ma jfissirx li n-natura ta' tali pieni hija waħda kriminali. Għalhekk, il-kumpannija rikorrenti ma tistax tinqeda bl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex tħassar dawk il-liġijiet u/jew il-proċeduri amministrattivi li nbdew taħthom;

[26] Dan ġie ukoll ikkonfermat minn din l-istess Qorti diversament presjeduta fil-kawża Keith Schembri et vs Avukat Ġenerali et deċiża nhar it-23 ta' April 2021.

Mertu

3. Illi <u>mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti</u>, it-talbiet fil-mertu tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda *in toto* fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ assolutament ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39(1), 39(6)(a) u 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6§1, 6§3 u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati <u>mingħajr preġudizzju għal xulxin</u>:

4. Illi skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġi sussidjarja maħruġa taħt l-istess Att, il-Korp intimat huwa mogħni bis-setgħa li joħroġ pieni amministrattivi fil-konfront ta' min jinstab li ma mexiex mal-liġijiet li jipproteġu l-użu tas-sistemi finanzjarji mill-ħasil tal-flus. Dan, bl-ebda mod ma jimplika li allura l-Korp intimat qiegħed jiddetermina jew jiddeċiedi reati kriminali;

5. Illi hija l-liġi Maltija stess li tgħid li dawn il-proċeduri huma ta' bixra amministrattiva u mhux kriminali. Fil-fatt, l-artikolu 13A tal-Kap. 373 isemmi li: "*Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, ilpersuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu*."

6. Għalhekk la hija l-liġi stess li tqis dawn il-proċeduri bħala ta' għamla amministrattiva, il-garanziji proċedurali li skont il-Kostituzzjoni ta' Malta jgħoddu għall-proċeduri kriminali ma jistgħux jiġu mġebbda wkoll għal dawn il-proċeduri amministrattivi. F'dan il-kuntest tapplika tant tajjeb il-massima latina - *A verbis legis non est recedendum*;

7. Illi l-esponent lanqas ma jaqbel li wieħed għandu jirreferi għall-ġurisprudenza dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea biex wieħed jiddeċiedi jekk proċeduri amministrattivi għandhomx jitqiesu li qed jiddeterminaw reat kriminali jew le. Dan qed jingħad għaliex it-test u l-implikazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa għal kollox differenti minn dak tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

8. Minn eżami tal-proċedura li tirrigwarda l-appell tal-persuna suġġetta naraw kif il-Korp m'għandux l-aħħar kelma fil-proċeduri li qed jiġu attakkati minħabba li d-deċiżjoni tal-Korp għadha tista' tiġi sindikata u mwarrba mill-Qorti tal-Appell. Għalhekk, minħabba li l-liġi ordinarja tipprovdi l-possibilità ta' appell, wieħed għandu jaċċetta l-fatt li d-deċiżjoni tal-Korp intimat mhix finali u vinkolanti fil-parametri tal-kunċett tal-jedd ta' smigħ xieraq kif interpretat fil-ġurisprudenza. Allura, la d-deċiżjoni tal-Korp mhix finali u tista' dejjem tiġi attakkata quddiem qrati u tribunali ġudizzjarji, allura l-proċess miżmum quddiem l-Awtorita' ma jaqax taħt il-morsa tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni (ara <u>Mustefa</u>

Mustefa Al Muhamad vs. Ministru tal-Gustizzja u Affarijiet Interni et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Frar 2012);

9. Illi b'referenza għall-artikoli tal-Kap. 373 u r-Regolament 21 tar-Regolamenti maħruġa taħt il-Kap. 373, il-kumpannija rikorrenti trid, l-ewwel u qabel kollox, tipprova li dawn is-sanzjonijiet huma forom ta' pieni ta' natura kriminali fl-ambitu tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni skont il-kriterji stabbiliti fis-sentenza Engel u oħrajn v. L-Olanda tat-8 ta' Ġunju 1976. Hawnhekk, tajjeb li wieħed jgħid li fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem minn dejjem inżammet id-distinzjoni bejn pieni li jaqgħu fil-kategorija ta' "*hard core of criminal law*" u "*cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law*";

10. Illi l-esponent jenfasizza li dawn il-proċeduri mhumiex ta' natura kriminali jew piena li taqa' fil-parametri ta' "*hard core of criminal law*", allura ma hemmx għalfejn li fl-ewwel istanza l-proċeduri jitmexxew quddiem qorti. Dan ifisser allura li ma hemmx konflitt mal-prinċipji tal-jedd ta' smigħ xieraq li ċertu sanzjonijiet jiġu imposti fl-ewwel istanza minn organu amministrattiv li mhux ġudizzjarju (ara Jussila v. il-Finlandja deċiża fit-23 ta' Novembru 2006 u Hüseyin Turan v. It-Turkija deċiża fl-4 ta' Marzu 2008) u li jkollu setgħat kemm investigattivi u kemm li jagħti deċiżjonijiet (ara Janosevic vs. L-Isvezja deċiża fil-21 ta' Mejju 2003);

11. Illi l-fatt li pieni amministrattivi jistgħu jilħqu ammonti ta' flus kbar, ma jbiddel xejn mill-fatt li dawn jistgħu jiġu mposti minn awtoritajiet amministrattivi (ara Bendenoun v. Franza tal-24 ta' Frar 1992). Sakemm id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa minn awtorità mogħnija b'funzjonijiet ġudizzjarji, allura ma hemm l-ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq. Fil-fatt, skont l-Artikolu 13A tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, id-deċiżjoni tal-Korp intimat tista' tiġi attakkata quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu;

12. Illi jibqa' l-fatt li peress li fil-każ preżenti l-Appell mid-deċiżjoni tal-Korp għadu ma ġiex deċiż, għalhekk wieħed ma jistax jitkellem fuq sanzjonijiet fil-konkret iżda fuq konġetturi u dan m'għandux jiġi aċċettat;

13. Illi l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni assolutament ma japplikawx għall-każ tal-lum għaliex, apparti li ma hemm involut l-ebda reat kriminali, minn qari tal-artikoli jidher ċar li dawn jipprovdu għal każijiet li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ in diżamina;

14. Illi jibqa' jiġi ribadit li kwalunkwe piena amministrattiva li jista' jeħel ir-rikorrenti, jekk kemm-il darba din tiġi kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, ma tistax titqies bħala piena eċċessiva jew sproporzjonata;

15. Illi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet preċedenti, l-artikoli u r-regolamenti msemmija mir-rikorrenti u kif tmexxa l-proċess investigattiv li wassal lill-Korp biex jieħu d-deċiżjoni fondata tiegħu, ma jiksru l-ebda dritt fundamentali msemmi mir-rikorrenti u għalhekk ċertament li l-ebda kumpens jew rimedju ieħor m'għandu jiġi mogħti lilu;

16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofra l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fondamentali u għalhekk l-ebda forma ta' kumpens mhu dovut.

Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."

Rat ir-risposta tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (l-intimat Korp) li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. Illi in via preliminari l-Korp esponent umilment jissottometti illi r-rikorrent ghandu rimedju ordinarju effettiv ghad-disposizzjoni tieghu a tenur tal-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi dritt ta' appell mhux biss fuq punti ta' ligi, izda anki fuq il-mertu tad-decizjonijiet tal-Korp. Fil-fatt ir-rikorrent ghazel li juzufruwixxi ruhu minn dak ir-rimedju u intavola l-appell tieghu a tenur tal-imsemmi artikolu 13A, liema appell ghadu pendenti. Ghalhekk f'dan l-istadju, ir-rimedju ordinarju disponibbli ghar-rikorrent ghad mhuwiex ezawrit.

   Ghaldaqstant il-Korp esponent umilment jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta illi tesercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali taghha kif jikkontemplaw l-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319.

2. Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit illi l-azzjoni odjerna hija wahda intempestiva billi d-decizjoni tal-Korp esponent fil-konfront tar-rikorrent ghadha qieghda tigi kkontestata permezz tal-appell hawn fuq imsemmi. Ladarba r-rikorrent ghazel li jintavola appell, huwa ghandu jistenna li dak l-appell jiehu l-kors kollu tieghu billi f'dan l-istadju ghad ma hemm l-ebda decizjoni finali fir-rigward tal-istess. Jekk sa llum ghadu qed jigi dibattut quddiem il-Qorti tal-Appell jekk is-sanzjoni imposta tramite d-decizjoni tal-Korp, hux ser tigi kkonfermata jew le, wiehed ma jistax f'daqqa wahda jinsa' li potenzjalment dik is-sanzjoni tista' tigi ikkonfermata jew imhassra, u jghaddi biex jara jistax jannulla dik is-sanzjoni abbazi ta' ksur ta' ligi specjali dwar drittijiet fundamentali (haga li tippresupponi li s-sanzjoni giet diga' kkonfermata u ma baqa' l-ebda rimedju ordinarju iehor taht il-ligi ordinarja).

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit illi in kwantu ghal-lanjanzi immirati lejn il-Ligi innifisha, il-Korp esponent m'huwiex il-legittimu kontradittur peress illi huwa jaqdi l-funzjonijiet tieghu fil-parametri stabbiliti u determinati mil-Ligi b`mod imparzjali u indipendenti minn kull entita' jew awtorita' ohra. F'dan is-sens, il-Korp ma jistax jinstab illi jikser ebda drittijiet fondamentali tar-rikorrent u għaldaqstant, il-kwistjoni dwar jekk il-Ligi twassalx ghall-ksur ta' dritt fundamentali jew le tista' tigi imwiegba biss mill-Avukat tal-Istat u mhux mill-Korp esponent.

4. Illi fi kwalsiasi kaz u kompletament minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda disposizzjoni tal-Kap 373, tar-regolamenti sussidjarji jew tal-Implementing Procedures, u lanqas id-decizjoni tal-Korp jew is-sanzjoni amministrattiva konsegwenti, jew addiritura l-process amministrattiv li wassal ghall-istess, ma jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.

5. Illi dejjem minghajr pregudizzju, ghal dak li jirrigwarda kif mexa il-Korp, jigi eccepit illi l-Korp esponent ma ghamel xejn hlief mexa mal-Ligi u ghalhekk ma jistax jinstab responsabbli ta' xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

6. Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra hawn sollevati, il-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regoli, regolamenti u proceduri sussidjarji huma lkoll derivanti minn Ligi tal-Unjoni Ewropea u ghalhekk il-legislatur Malti huwa marbut bir-rekwiziti tal-istess fit-trasposizzjoni tad-Direttivi in kwistjoni; F'dan ir-rigward wiehed ghandu jqis il-principju generali abbraccat mill-Qrati Ewropej illi l-Ligi Kommunitarja hija prezunta bhala konformi mad-drittijiet fondamentali u fi kwalsiasi kaz, japplika il-principju ta' supremazija tal-Ligi Kommunitarja. Fil-fatt l-obbligi relattivi u l-inforzar tal-istess huma lkoll in linea mal-obbligi internazzjonali tal-Istat Malti, inkluz il-Ligi Ewropea kif gia inghad, u obbligi internazzjonali ohra inkluz ir-rakkomadazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, tal-European Banking Authority u l-Financial Action Task Force.

7. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Artikoli 39(1), 39(6)(a) u 39(8) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll l-Artikoli 6(3) u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni Ewropea") ma jsibu l-ebda applikazzjoni fil-kaz odjern in kwantu tali artikoli jipprovdu esklussivament ghall-garanziji fil-kamp kriminali. Il-Korp esponent ma jaghmel l-ebda determinazzjoni ta' dan it-tip billi huwa jiddetermina biss

kwistjonijiet amministrattivi. Ghalhekk ma jista' jkun hemm ebda kaz ta' lezjoni tad-drittijiet sanciti mill-imsemmija artikoli peress li l-garanziji hemm delineati mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern.

8. Illi l-process adoperat mill-Korp esponent huwa strettament amministrattiv u s-sanzjoni imposta mill-Korp hija amministrattiva. Il-*quantum* tas-sanzjoni m'hijiex l-unika kunsiderazzjoni li ghandha tigi meqjusa meta wiehed jigi biex jiddetermina in-natura tas-sanzjoni. L-imsemmija sanzjoni la tista' twassal ghal restrizzjonijiet fuq il-liberta' tal-persuna, u lanqas tista' tigi riflessa fil-fedina penali ta' persuna. Inoltre s-sanzjoni hija intiza biss bhala deterrent u mhix ukoll punittiva, u ebda sanzjoni hekk imposta ma hija konvertibbli fi prigunerija. Il-*quantum* ghandu jkun konsidrat ukoll fil-kuntest tal-vjolazzjonijiet regolatorji kommessi u tan-natura tal-Persuna Suggetta relattiva; evidentement sabiex sanzjoni amministrattiva tkun effettiva, jehtieg illi jkun hemm element ta' proporzjonalita' relattivament ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Dawn kollha huma fost varji fatturi importanti li jissottolineaw in-natura amministrattiva tas-sanzjoni in kwistjoni.

9. Illi inoltre l-Kap 373 u r-regoli u regolamenti sussidjarji huma lkoll derivanti minn Ligi tal-Unjoni Ewropea, li espressament tikklassifika s-sanzjonijiet in disamina bhala sanzjonijiet amministrattivi u mhux penali.

10. Illi ghalhekk il-garanziji tal-kamp kriminali li qieghed jipprova jinvoka r-rikorrent ma jsibux applikabbilita' fil-kaz odjern u f'dan is-sens ma jista' jkun hemm ebda ksur ta' dawk il-garanziji kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu si tratta dwar proceduri ta' natura amministrattiva.

11. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, il-Korp esponent huwa enti independenti, awtonomu u imparzjali. Il-Korp ghandu struttura li tiggarantixxi li min qed jiddeciedi dwar il-ksur tal-obbligi legali mill-Persuni Suggetti u dwar l-imposizzjoni ta' miżuri amministrattivi, inkluż pieni amministrattivi, igawdi indipendenza u imparzjalita' u mhux minnu li l-istess persuni qed jagixxu ta' prosekuzzjoni, gurija u mhallef fl-istess kaz, kif donnu jallega r-rikorrent fir-rikors tieghu.

12. Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korp esponent jagixxi bhala Regolatur a tenur tal-Kap 373 billi jissorvelja lill-Persuni Suggetti sabiex jassigura l-konformita' taghhom mal-obbligi kollha relattivi li huma intizi sabiex l-imsemmija Persuni Suggetti ma jigux utilizzati minn terzi ghall-

finijiet ta' hasil ta' flus jew finanzjar ta' terrorizmu. Dan huwa dover impost fuq il-Korp mil-Ligi stess, li tirrikjedi li l-Korp jimponi l-multi amministrattivi appoziti f'kaz ta' ksur tal-imsemmija obbligi. L-interess tal-Korp *qua* Regolatur huwa propju l-osservanza tal-disposizzjonijiet tal-Ligi u l-prevenzjoni ta' hasil ta' flus u finanzjar ta' terrorizmu. Ghalhekk ukoll il-Korp esponent huwa ghal kollox independenti u imparzjali wkoll in kwantu l-unika interess illi huwa ghandu huwa propju l-osservanza tal-Ligi.

13. Illi ghalhekk ukoll ma jistax jitqies illi kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

14. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit illi l-Artikolu 13A tal-Kap 373[27] jaghti rimedju adegwat sabiex jigi assigurat id-dritt tas-smiegh xieraq. A tenur tal-imsemmi Artikolu 13A, il-Persuna Suggetta li fuqha tkun giet inflitta sanzjoni, ghandha opportunita' li tressaq il-kaz **kollu** taghha – kemm fuq punti ta' fatti, u kif ukoll punti ta' ligi – quddiem Qorti mwaqqfa bil-Ligi u moghnija bil-garanziji kollha ta' indipendenza u imparzjalita'. Dan ifisser li d-dettami tal-jedd ghal smiegh xieraq jinsabu pjenament sodisfatti. Ir-revizjoni tad-decizjoni tal-esponent mill-Qorti tal-Appell hija garanzija sufficjenti ta' smiegh xieraq fir-rigward tas-sanzjonijiet amministrattivi imposti mill-Korp. Ghalhekk ukoll ma jista' jirrizulta ebda ksur la tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

15. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju l-lanjanzi tar-rikorrent iridu jittiehdu fil-kuntest tas-smigh li nghata l-istess rikorrent fil-kawza tieghu u mhux jigu ezaminati *in vacuo* jew fuq mera spekolazzjoni. Ghalhekk l-ewwel u qabel kollox, ghandu jigi ezawrit il-process tal-appell ghaliex inutili li wiehed iqis dawn l-argumenti *a priori* imma jrid l-ewwel u qabel kollox jigi deciz l-appell biex wiehed ikun verament jista' jqis jekk is-smiegh li nghata kienx adegwat u gust. Jekk fis-smiegh tal-appell tieghu r-rikorrent ikun nghata smiegh xieraq, allura inutili li minn issa r-rikorrent jghid li ma kellux access ghal process xieraq. Ir-rikorrent jipprova jiskarta dan kollu billi jibqa' fuq livell teoretiku, haga li hija kompletament illogika ghax il-kwistjoni dwar jekk kienx hemm smiegh xieraq jew le, tigi determinat b'referenza ghall-process partikolari fil-konfront tar-rikorrent u ma jistghux isiru generalizzazzjonijiet spekolattivi.

---

[27] 13A.(1) *Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravate b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, il-persuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva* ***kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu****.* [enfasi mizjud]

16. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, assolutament mhux minnu li ir-rikorrent sofra xi ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba xi nuqqas ta' parita' tal-armi jew ghax gie sfurzat jinkrimina ruhu, kif jallega fir-rikors promotur.

17. Illi r-rikorrent nghata l-opportunita' kollha li jressaq il-provi, dokumenti u sottomissjonijiet li dehrlu necessarji qabel ma l-Korp esponent wasal ghad-decizjoni tieghu u ghalhekk kellu opportunita' shiha ghal smiegh xieraq. Ir-rikorrent kien involut f'kull stadju tal-process u gie provdut bl-informazzjoni shiha biex ikun jista' jiddefendi ruhu b'mod effettiv, inkluz bl-involviment tal-istess rikorrent waqt iz-zjara u billi gie fornut b'dettall estensiv dwar il-vjolazzjonijiet potenzjali qabel ma gie mitlub iressaq ir-rappresentazzjonijiet tieghu.

    Inoltre l-process regolatorju jikkoncerna dokumenti tar-rikorrent stess – *files* li kienu u dejjem baqghu fil-pussess tar-rikorrent u ghalhekk kellu access shih ghall-provi kollha li seta' kellu bzonn. Il-fatt biss li bil-ligi l-Korp esponent ghandu s-setgha li jezamina l-*files* tal-Persuna Suggetta sabiex jara jekk dik il-Persuna Suggetta hix qed taqdi l-obbligi taghha, ma jfissirx li b'daqshekk ikun sehh xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq.

18. Illi minghajr pregudizzju fir-rigward tal-allegazzjoni illi r-rikorrent gie sforzat jinkrimina ruhu, jigi eccepit qabel xejn illi dak dritt li japplika biss fil-kamp kriminali u ghalhekk m'ghandux rilevanza ghal dawn il-proceduri. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, l-allegazzjoni hija kompletament infondata.

19. Illi minghajr pregudizzju l-Korp jezercita l-irwol supervizorju tieghu, li huwa essenzjali ghall-funzjoni tieghu ta' monitoragg tas-settur finanzjarju fil-pajjiz fil-glieda kontra l-hasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terrorizmu. Jekk il-Korp jitlob li jara dokumentazzjoni li suppost il-Persuna Suggetta hija obbligata bil-ligi li zzomm, u l-Persuna Suggetta tonqos li tforni dik id-dokumentazzjoni jew informazzjoni, il-Korp ma jistax jassumi li dik id-dokumentazzjoni tezisti jekk ma jkunx raha, u stante n-natura regolatorja tal-ksur huwa evidenti li jekk il-Persuna Suggetta ma tissupplixxix dokument jirrizulta li tkun naqset li tonora l-obbligu legali taghha li jkollha dak id-dokument. Ma tistax il-Persuna Suggetta tippretendi li ma tfornix evidenza tal-fatt li hija qed issegwi l-obbligi imposti fuqha mil-ligi, u tippretendi fl-istess hin li tigi ezentata mis-sanzjoni jew li jigi prezunt li hija kienet konformi mal-ligi minghajr ebda evidenza li verament qdiet l-obbligi taghha. Jekk il-Persuna Suggetta tkun imxiet mal-obbligi imposti fuqha bil-ligi, tali obbligu jimponi wkoll li jkollha evidenza

f'idejha ta' dak l-istat ta' fatt, u l-fatt li ma tipproduci ebda evidenza jfisser li l-Korp ma jistax jiddetermina li l-Persuna Suggetta qdiet l-obbligi taghha. Ghalhekk ir-rikorrent ma ghandux ragun jghid li baghta xi nuqqas ta' parita' ta' armi u lanqas li gie imgieghel b'xi mod jinkrimina ruhu (dan apparti li mkien ma wera x'kien ir-reat li suppost inkrimina ruhu bih).

Hawnhekk ta' min jirrileva wkoll illi lanqas fi proceduri li huma strettament penali (haga li l-proceduri quddiem il-Korp **<u>ma humiex</u>**) ma jitqies li certu obbligi regolatorji jwasslu ghal xi ksur bhal dak li jilmenta minnu r-rikorrent, ahseb u ara fil-kaz odjern li huwa wiehed **purament amministrattiv**. Fil-fatt anke fi proceduri penali bhal per ezempju dawk li jittrattaw ksur tal-obbligi tal-principal (*employer*) fil-qasam tal-*health and safety* il-Qorti hija marbuta li ssib lill-imputat hati jekk per ezempju ma jkunx ghamel *risk assessment* jew jekk dan ir-*risk assessment* ma jkunx adegwat, u b'daqshekk ma jkunx hemm ksur tad-dritt ghas-smiegh xieraq u lanqas ma jfisser li l-Ligi tkun gabet lill-imputat f'pozizzjoni li jinkrimina ruhu. Kif inghad mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet *The Republic of Malta vs Gregory Robert Eyre and Susan Jayne Molyneaux* deciza fl-1 ta' April 2005, "*there may be circumstances in which it is only fair that the onus of proving certain facts, especially facts which lie within the particular knowledge of the accused, should rest on the accused himself*". Zgur ghalhekk li jekk lanqas hemm ksur ta' drittijiet fundamentali fejn il-Ligi stess tiddefinixxi l-ksur tal-obbligu bhala reat kriminali (bhal fil-kaz tal-*health and safety*), aktar u aktar ma jistax jinghad li fil-kaz odjern l-obbligu regolatorju fil-qasam tad-dritt amministrattiv tar-rikorrent b'xi mod jilledi xi dritt.

20. Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost ir-rikorrent kellu zmien bizzejjed biex jaghmel is-sottomissjonijiet u jressaq il-provi tieghu. Id-durata tal-process supervizorju ma jistax jigi mqabbel mal-perjodu li l-Persuna Suggetta tinghata biex taghmel is-sottomissjonijiet taghha jew biex tintavola l-appell taghha mid-decizjoni tal-Korp; addirittura dan tal-ahhar jirrizulta *ex lege*. Wara kollox il-Persuna Suggetta tkun familjari mal-files taghha stess u ghalhekk qieghda f'pozizzjoni ta' vantagg meta mqabbla mal-Korp innifsu li jrid il-hin biex jevalwa *files* li ma jkunux tieghu u li ma jkun ra qatt qabel.

21. Illi minghajr pregudizzju mhuwiex minnu li d-dritt ta' appell taht l-Artikolu 13A tal-Kap 373 iwassal ghal xi inverzjoni tal-oneru tal-prova. Fl-istadju tal-appell, il-Korp esponent ikun diga ressaq il-kaz tieghu fis-shih, kif kontenut fid-decizjoni appellata stess u ghalhekk, jekk f'dak l-istadju l-Persuna Suggetta li tkun qieghda tappella mis-sanzjoni jidhrilha li ghandha provi xi tressaq, hija

tkun qieghda twiegeb ghall-posizzjoni mehuda mill-Korp ibbazata fuq il-provi kollha migbura minnu u li jikkostitwixxu l-kontenut tal-*file* intern li jwassal ghad-decizjoni tal-Korp li jigi prezentat quddiem il-Qorti tal-Appell u li huwa disponibbli ghall-istess Persuna Suggetta.

22. Illi minghajr pregudizzju lanqas ma huwa rilevanti t-terminu ghad-decizjoni tal-Qorti kif stabbilit mil-Ligi. Il-fatt illi l-Ligi tipprovdi ghall-process spedit bl-ebda mod ma jfisser illi d-dritt ghal smiegh xieraq jigi mittiefes. L-argument tar-rikorrent huwa wiehed spekolattiv u minghajr bazi; ir-rikorrent qieghed jaghmel assunzjonijiet fiergha dwar dak li jista' jaffettwa l-hsieb tal-gudikant. Addirittura a tenur tal-Artikolu 13A(5) tal-Kap 373, dak it-terminu jista' jigi estiz bil-qbil taz-zewg partijiet **jew** mill-Qorti minn jedda ghal ragunijiet eccezzjonali. L-element ta' diskrezzjoni tal-gudikant jibqa' dejjem essenzjali propju sabiex ikopri dawk is-sitwazzjonijiet li l-Ligi mhux necessarjament tkun prevediet, u dan sabiex jigi accertat illi ssir gustizzja f'kull cirkostanza.

23. Illi kif gia eccepit l-Artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea u ma jsibu ebda applikabbilita' fil-kuntest odjern ta' proceduri amministrattivi billi huma garanziji applikabbli biss fil-qasam penali.

24. Illi fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju, jigi eccepit illi r-rikorrent erronjament jirreferi ghall-process li wassal ghad-decizjoni tal-Korp bhala wieħed "investigattiv" meta dak il-process huwa fil-fatt wiehed **supervizorju**. Dak li ghamel il-Korp huwa *compliance review* li issir bhala rutina fuq il-Persuni Suggetti b'mod generali, u mhux fuq xi suspett ta' ksur tal-Ligi. Ma hemm ebda sfurzar fuq ir-rikorrent illi jaghti "kull informazzjoni mitluba f'investigazzjoni" – in primis ghaliex ma hemm ebda investigazzjoni. Fit-tieni lok ghaliex l-obbligu ta' Persuna Suggetta illi jipprovdi d-dokumenti mitluba minnu mir-Regolatur huwa obbligu legali li jifforma parti minn spettru ikbar ta' obbligi regolatorji ta' persuna suggetta. Bhala persuna suggetta ir-rikorrent jaqa` taht l-iskrutinju tar-Regolatur, li huwa l-Korp esponent – xejn gdid u xejn mistur.

25. Illi f'dan is-sens, meta jinbeda l-process ma jkun hemm ebda suspett kwalunkwe izda merament tinbeda **procedura regolatorja** fejn il-Korp jitlob access ghall-proceduri u dokumenti tal-Persuna Suggetta biex ikun jista' jiddetermina jekk hijiex qieghda taderixxi ruhha mal-obbligi taghha dwar il-prevenzjoni tal-hasil ta' flus u finanzjar ta' terrorizmu. F'dak il-punt inizzjali ma kien hemm xejn li l-Korp seta' jinforma lir-rikorrent bih hlief li huwa

ser jezamina l-konformita' o meno mal-obbligi regolatorji li jinkombu fuqu. Dan kif il-Korp fil-fatt ghamel sa mill-punt inizzjali meta avza lir-rikorrent li ser issir il-*compliance review.*

Sussegwentement il-Korp baghat l-hekk imsejha *Potential Breaches Letter*, li dettaljament tiddelinea l-fatti relattivi u tikkwota in-numru estensiv tad-disposizzjonijiet tal-Ligi li kien jidher li gew miksura. Dik l-ittra kienet wahda dettaljata immens li kienet kjarament telenka l-fatti kollha li kien jidher li wasslu ghall-ksur ta' Ligi u kienet taghmel referenza espressa ghad-disposizzjonijiet li kien jidher li gew miksura. Dan kollu kien jixhed il-fatt li l-kwistjoni kienet serja u r-rikorrent ma jista' qatt ragionevolament jghid illi huwa ma kellux hjiel tal-gravita' tal-vjolazzjonijiet u l-implikazzjonijiet relattivi.

Is-sanzjoni eventalment imposta hija entro l-parametri stabbiliti mil-Ligi u mir-regolamenti applikabbli u kwindi r-rikorrent kellu access u gharfien shih tas-sanzjonijiet li setghu jigu imposti fuqu, minghajr ma kien hemm ebda htiega li l-Korp jaghti xi pre-avviz specifiku dwar l-ammont tas-sanzjoni potenzjali. Il-Persuna Suggetta – bhala kull persuna ohra – hija prezunta li taf il-Ligi u ma tistax tistrieh fuq nuqqas ta' gharfien tal-Ligi – *ignorantia juris non excusat*. Dan specjalment fejn si tratta dwar Ligi specjali li tirregola b'mod partikolari l-kategorija ta' entitajiet jew individwi li jikklassifikaw bhala Persuna Suggetta in vista tal-attivitajiet li jkunu qieghdin jesercitaw.

26. Illi jigi ribadit illi fil-mument li l-persuna suggetta tircievi l-*Potential Breaches Letter* – l-isem stess jindika – ma jkun hemm ebda 'hsieb' predispost tal-Korp la illi jikkonferma dak in-nuqqas u wisq inqas tal-multa illi ser jimponi f'kaz illi n-nuqqas jigi kkonfermat. L-unika informazzjoni li l-Korp jista` jghaddi lill-persuna suggetta f'dak il-mument huma biss dettalji dwar in-nuqqasijiet li gew rilevati mill-fergha supervizorja tieghu u konsegwentement jalloka zmien adegwat, kif fil-fatt ghamel, sabiex il-persuna suggetta tressaq il-posizzjoni taghha. Huwa biss wara li jkollu s-sottomissjonijiet tal-Persuna Suggetta illi l-Korp jersaq sabiex jiddeciedi jekk in-nuqqasijiet 'potenzjali' sarux nuqqasijiet 'reali' u jimponi l-konsegwenza amministrattiva, jekk ikun il-kaz.

27. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, il-Korp "ma jipproponi li jimponi" ebda sanzjoni fl-ebda mument. Il-Korp javza li jkun jidher illi seta' kien hemm ksur ta' Ligi u jaghti d-dettalji kollha relattivi ghal dak il-ksur biex il-Persuna Suggetta tkun tista' tiddefendi ruhha. Madanakollu, hija l-Ligi nnifisha li tipprovdi ghas-sanzjonijiet li ghandhom jigu imposti f'kaz ta' ksur ta' Ligi, u dan kif stabblit fir-Regolament 21. Ebda Persuna Suggetta li jigi

indikat lilha xi ksur potenzjali kien hemm, ma tista' tghid li ma tafx x'sanzjonijiet jistghu jigu imposti – *ignorantia juris non excusat*.

28. Illi ghalhekk ukoll assolutament ma kien hemm ebda ksur tal-Artikoli 6(3) tal-Konvenzjoni u 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni.

29. Illi jigi eccepit ukoll illi ebda disposizzjoni tal-Kap 373, tar-Regolamenti jew tal-*Implementing Procedures* ma tilledi d-dritt fondamentali kif sancit fl-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

30. Illi fl-ewwel lok l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea it-tnejn huma applikabbli biss fil-kamp kriminali, u ghalhekk ma jsibu ebda applikazzjoni fil-kaz odjern li jikkoncerna multi amministrattivi imposti mir-Regolatur, dan kif gia eccepit hawn fuq.

31. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-talba rikorrenti koncernanti l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, dawn huma applikabbli biss fil-kamp kriminali, u ghalhekk ma jsibu ebda applikazzjoni fil-kaz odjern li jikkoncerna multa amministrattiva imposta mir-Regolatur, dan kif gia eccepit hawn fuq.

32. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, t-talba rikorrenti fir-rigward tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ma tistax tintlaqa' in kwantu hija wahda generika li ma tidentifikax liema huma d-disposizzjonijiet tal-Ligi allegatament "generici".

33. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, jigi eccepit li d-disposizzjonijiet tal-Ligi huma ampjament cari, certi u dettaljati u ma hemm ebda lok ta' dubbju dwar l-obbligi li jinkombu fuq il-persuna suggetta. F'dan ir-rigward, jigi rilevat illi fil-fatt ir-rikorrenti lanqas ma indikat liema huma dawk id-disposizzjonijiet li qieghda tallega li jilledu d-drittijiet taghha. Daqstant iehor huma cari fil-Ligi l-multi li tista' tehel il-persuna suggetta u ghalhekk, id-disposizzjonijiet tal-Ligi u regoli u regolamenti kollha sussidjarji, kif ukoll il-process ta' *compliance review* u d-decizjoni tal-Korp, bl-ebda mod ma jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti.

34. Illi inoltre jigi eccepit illi l-Implementing Procedures m'humiex sempliciment linji gwida kif jallega r-rikorrent izda jorbtu lil Persuni Suggetti ai termini tar-Regolament 17 tal-Ligi Sussidjarja 373.01 u ghalhekk l-obbligi hemm stabbiliti jinkombu fuq il-Persuni Suggetti skond il-Ligi.

35. Illi jigi eccepit ukoll illi ebda parti mid-decizjoni tal-Korp, jew tal-mod kif iddecieda l-Korp, ma tilledi l-imsemmi artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Il-Ligi hija cara kif inghad u l-kwistjoni dwar jekk il-Korp esponent applikax il-Ligi sew jew le, ma hijiex kwistjoni ta' natura kostituzzjonali izda tirrigwarda l-mertu tal-kaz innifsu li jinsab pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, li tista' tvarja, thassar jew tikkonferma d-decizjoni tal-Korp.

36. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat ukoll illi huwa min-natura ta' process amministrattiv illi l-entita' munita bil-poter decizjonarju jkollha element ta' diskrezzjoni fl-ezercizzju ta' dak il-poter decizjonarju taghha. B'daqshekk ma jfissirx li sehh xi ksur ta' xi drittijiet fundamentali tal-Persuna Suggetta. Inoltre, u fi kwalsijasi kaz, il-Korp ezercita d-diskrezzjoni tieghu b'mod gust u ragjonevoli pero' din mhix kwistjoni ta' drittijiet fundamentali izda propju l-mertu tal-appell li ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. U kwindi in kwantu r-rikors huwa premess fuq il-mod kif il-Korp jezercita jew ezercita d-diskrezzjoni tieghu jew fuq il-mod kif jinterpreta jew interpreta l-ligi u r-regolamenti, it-talbiet ma jistghux jigu milqugha billi m'humiex talbiet ta' natura Kostituzzjonali jew Konvenzjonali izda huwa biss mertu tal-appell taht il-Ligi ordinarja. Dan huma semplicement tentattiv li jigi kkreat appell tat-tielet istanza, haga li certament il-ligi ma tittollerax u ma ghandux ikun li l-process Kostituzzjonali jigi abbuzat b'dan il-mod.

37. Illi ghalhekk, id-disposizzjonijiet tal-Ligi u regoli u regolamenti kollha sussidjarji, l-*Implementing Procedures* kif ukoll il-processi ta' *compliance review* u d-decizjoni tal-Korp, bl-ebda mod ma jilledu l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea jew drittijiet ohra fondamentali u huma lkoll validi.

38. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Artikoli 12A u/jew, 13 u/jew, 13A u/jew, 13B u/jew, 13C u/jew, 18 u/jew 19 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew ir-Regolament 21, kif ukoll id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti u l-*Implementing Procedures* li abbazi taghhom il-Korp sab il-ksur tal-obbligi tar-rikorrenti, bl-ebda mod ma jilledu d-drittijiet fondamentali tas-socjeta' rikorrenti u l-Korp esponent fi kwalsijasi kaz mexa skond il-Ligi, inkluz fil-process li wassal ghad-decizjoni tieghu, u ma wettaq ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta' rikorrenti u ghalhekk l-allegazzjonijiet tas-socjeta' rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

39. Illi ghalhekk ukoll l-esponent ma jista' jigi dikjarat responsabbli ta' l-ebda danni fil-konfront tar-rikorrent.

40. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din il-Qorti jidhrilha li xi wahda jew aktar mit-talbiet tar-rikorrent jimmeritaw li jigu milqugha (u dan qed jinghad purament ghall-grazzja tal-argument, billi l-Korp esponenti jidhirlu li dawk it-talbiet ghandhom effettivament jigu michuda fl-interezza taghhom) allura f'dak il-kaz dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali ghandha tkun sufficjenti u m'ghandux ikun il-kaz li l-Qorti tiffissa ebda kumpens jew danni.

41. Illi minghajr pregudizzju, jinghad ukoll illi ebda talba ghal hlas ta' danni m'ghandha tintlaqa' ghaliex ma saret ebda referenza fir-rikors promotorju dwar xi danni morali sofferti mir-rikorrenti u wisq inqas saret talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilta` ghal danni morali u talba ghal kwantifikazzjoni tal-istess.

42. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors kostituzzjonali imressaq mir-rikorrent Dr Roderick Caruana ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent."

Rat l-Atti u d-dokumenti kollha fil-proċedura;

Qrat ix-xhieda prodotta fil-perkors tal-poċedura miż-żewġ partijiet;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Rat li r-rikors tħalla għall-lum għas-Sentenza.

Punti ta' fatti

1. L-Attur jipprattika l-professjoni ta' nutar. Beda jipprattika din il-professjoni fl-2014 (a' fol 88). Fl-10 ta' Settembru 2021 irċieva ittra

mingħand l-intimat Korp, fejn ġie nfurmat li ġiet deċiża l-imposizzjoni ta' multa amministrattiva fl-ammont ta' €61,573 ai termini tal-Artikolu 13 tal-Kap 373 tal-liġijiet ta' Malta u kif ukoll abbażi tar-Regolament 21 tal-L.S 373.01.

2. L-intimat Korp wasal biex jimponi din il-multa wara ndaġini li saret. Matul din l-indaġini, li saret minn kumpanija privata inkarigata mill-intimat Korp, instab li kien hemm diversi nuqqasijiet da parti tal-Attur fiż-żamma tajba tal-informazzjoni rilevanti tal-klijenti tiegħu ai fini tal-liġijiet fuq imsemmija li jirrigwardaw prevenzjoni tal-ħasil tal-flus provenjenti minn atti llegali u finanzjament ta' terroriżmu. Apparti li għamel din il-Kawża, l-Attur interpona ukoll appell għal quddiem il-Qorti tal Appell inferjuri, li fil-mori ta' dawn il-proċeduri, u li b'Sentenza tas-7 ta' Ottubru 2022 ġiet ridotta sostanzjalment għall-erbat elef ewro (€4000) (Ara a' fol 270).

3. L-Attur jgħid, li apparti dak li ssottometta quddiem il-Qorti tal-Appell fuq imsemmija, liema appell kien limitat għar-reviżjoni tal-piena biss, jħoss li ġew leżi anke drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa kemm mill-Kostituzzjoni u anke mill-Konvenzjoni. Għalhekk għamel din il-proċedura wkoll.

Punti ta' Liġi

4. Fis-sustanza, dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent huwa li l-intimat Korp aġixxa fil-konfront tiegħu daqs li kieku kien Qorti meta ma għandux

is-salvagwardi tal-Kostituzzjoni in rigward ta' smiegħ xieraq, imparzjalita' u l-prinċipji sostanzjali dwar rejati kriminali, kif imħarsa mill-artikoli rispettivi 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament. Huwa jinsisti li dawn il-multi amministrattivi, indipendentement mill-mod kif tiddiskrivihom il-liġi partikulari fuq imsemmija, fil-verita' u fis-sustanza, għandhom kjarament karattru ta' pieni kriminali. Dawn il-pieni huma msejsa fuq artikolu 13 tal-Kap 373 tal-liġijiet ta' Malta u regolament 12 tal-L.S 373.01 li rispettivament jiddisponu fost oħrajn hekk:

"*13.(1) Il-Ministru jista' jagħmel regoli jew regolamenti li jkunu jipprovdu dwar sanzjonijiet kriminali, pieni amministrattivi u miżuri oħra li jistgħu jiġu imposti għal xi kontravvenzjoni, ksur jew nuqqas ta' tħaris ta' regoli, regolamenti jew direttivi magħmulin taħ tdan l-Att:*

Iżda:

(a) is-sanzjonijiet kriminali hekk imposti m'għandhomx ikunu ta' iżjed minn multa ta' miljun euro (€1,000,000) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn ħames snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien kif stipulat fir-regoli jew regolamenti involuti; u

(b) il-<u>pieni amministrattivi</u> hekk imposti m'għandhomx ikunu iżjed minn:

(i) ħames miljun euro (€5,000,000); jew

(ii) darbtejn daqs l-ammont tal-benefiċċju miksub mill-kontravvenzjoni, ksur jew nuqqas ta' tħaris, metadan ikun jista' jiġi stabbilit; jew

(iii) għaxra fil-mija (10%) tal-fatturat annwali totali kifjoħroġ fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji approvati udisponibbli l-aktar reċenti.

(2) Il-pieni amministrattivi msemmija taħt is-subartikolu (1) għandhom jiġu mposti mill-Korp konformement ma' kull politika u proċedura stabbilita mill-Bord ta' Gvernaturi msemmija fl-artikolu 18, minn żmien għal żmien"

U

"*21.(1) Kull persuna suġġetta li tonqos milli tkun konformi ma' kull ħtieġa legali, ordni jew direttiva leġittima maħruġa mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja taħt dawn ir-regolamenti jew l-Att teħel piena amministrattiva ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) u mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf u ħames mitt euro (€46,500) fir-rigward ta' kull nuqqas separat biex tkun konformi ma' dik il-ħtieġa legali, ordni jew direttiva leġittima.*

(2) Persuna suġġetta li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi proċeduri jew linji gwidi maħruġa skont ir-regolament 17 teħel piena amministrattiva ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) u mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf u ħames mitt euro(€46,500) fir-rigward ta' kull nuqqas separat.

(3) Pieni amministrattivi taħt dawn ir-regolamenti għandhom jiġu imposti mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja mingħajr <u>il-ħtieġa ta' seduta quddiem il-qorti</u>, sew bħala piena fissa ta' darba jew bħala piena kumulattiva ta' kuljum, jew it-tnejn flimkien, u għandhom jiġu imposti skont il-policies u proċeduri stabbiliti mill-Bord ta' Gvernaturi msemmi fl-Att, li

għandhom jiżguraw <u>l-impożizzjoni ta' pieni amministrativi li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi</u>". (Emfażi tal-Qorti)

Konsiderazzjonijiet

5. Qabel ma din il-Qorti tgħaddi biex tidħol fil-mertu jkun jaqbel li tinvesti xi eċċezzjonijiet preliminari mogħtija mill-intimati. L-ewwel fost dawn hemm li r-rikorrent qabel ma rrikorra għal dawn il-proċeduri messu l-ewwel eżawrixxa r-rimedji ordinarji ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap 391 tal-liġijiet ta' Malta u għalhekk jistiednu lil din il-Qorti tiddeklina milli tieħu konjizzjoni tar-rikors odjern.

<u>Eżawriment tar-rimedji ordinarji</u>

6. Din hija stedina lill-Qorti li mhux bil-fors tintlaqa', anke jekk jirrisulta li kien hemm rimedji ordinarji oħrajn. Ir-rimedju ordinarju irid ikun idoneju ai fini ta' dawn il-proċeduri, fis-sens li jrid ikun rimedju effettiv, rejali u sodisfaċenti. Jekk ma jkun hekk, għal fatt biss li hemm rimedju ordinarju, din il-Qorti ma tistax tilqa' l-istedina u <u>għandha</u> tuża d-diskrezzjoni tagħha li ma tiddeklinax li tieħu konjizzjoni tat-talbiet li jkollha quddiemha. Din l-eċċezzjoni tingħata miż-żewġ intimati fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom.

7. B'din l-eċċezzjoni l-intimati qed jittentaw jgħidu, li r-rikorrent għandu għad-disposizzjoni tiegħu d-dritt ta' Appell ai termini tal-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-liġijiet ta' Malta. Huma jgħidu li di fatti ir-rikorrent użufruwixxa minn dan id-dritt. Meta dawn il-proċeduri kienu għadhom għaddejjin, dan l-appell

kien għadu pendenti, pero inqata' kif fuq spjegat qabel ma din il-Qorti marret għas-Sentenza (ara a' fol 277, 235 u 291).

8. Din il-Qorti tibda biex mill-ewwel tgħid, li din l-eċċezzjoni hija manifestament infondata. Mit-talbiet tar-rikors tal-Appell tar-rikorrent jirrisulta ċar, li dak li qed jitlob huwa reviżjoni tal-piena amministrattiva komunikata lilu permezz tal-ittra tal-10 ta' Settembru, 2021 fuq imsemmija. Imkien ma hemm fih, xi talba biex xi parti tal-liġi tiġi dikjarata li hija bi ksur tad-Drittijiet Fundamentali tiegħu. Imma l-anqas kieku stess għamel talba bħal din, dik il-Qorti ma kienitx tkun fil-kompetenza tagħha li tiddeċiedi materja bħal din, liema materja hija riservata għal dawn il-Qrati bis-saħħa tal-artikolu 46 u 4 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament. Fil-każ inkwistjoni l-komptetenza ta' dik il-Qorti hija ċirkoskritta b'artikolu 13A tal-kap 373 tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi, fost oħrajn, hekk:

"Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, <u>il-persuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva</u> kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu." (Emfażi tal-Qorti).

9. Anke mill-istess kliem testwali tal-liġi jirrisulta b'mod ċar, li l-appell jista' jsir biss minn piena u mhux xi ħaġa oħra. Pero' l-appell jista' jsir kemm fuq punti tal-liġi u kif ukoll fuq il-mertu iżda dejjem in konnessjoni mal-piena

u xejn aktar. Is-suġġett f'dik is-sentenza tal-liġi hija kjarament ir-reviżjoni tal-piena u xejn aktar. Dak li qed jintalab illum jirrigwarda l-antikostituzzjonalita' ta' ċertu provvedimenti tal-liġijiet stante li jiksru d-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u f'każ tal-appell imsemmi l-Qorti ma tistax tiddetermina punti ta' din ix-xorta. Għalhekk issir referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Insigna Cards Ltd -vs- Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja tal-1 ta' Diċembru 2021** fejn f'sitwazzjonijiet simili għal dak li għandha quddiemha din il-Qorti din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda.

10. Ġie wkoll osservat li *"…the key factor is whether a constitutional complaint makes it possible to remedy the violations of the rights committed by public authorities or forbid authorities from continuing to in fringe the right in question. As concerns judicial decisions, the constitutional complaint must make it possible, were the law is found to be unconstitutional, to annul all final decisions made on the basis of the law and provide direct and speedy redress to the complainant"* (Emfażi tal-Qorti **Harris O'Boyle and Warwick, The Law of the European Convention of Human Rights, Ed 4th, page 58**). Issa huwa ċar li l-Qorti tal-Appell f'din il-kwistjoni ma tistax tannulla l-aġir amministrattiv u wisq anqas tista' tagħti rimedju effettiv ai finijiet kostituzzjonali għaliex hija l-istess liġi li tiċċirkonskriviha kif fuq spjegat.

11. F'dan l-istadju tas-Sentenza l-Qorti tħoss li għandha ukoll tagħmel l-osservazzjoni tagħha dwar in-natura tal-Appell li tagħti din il-liġi. Dan qiegħed jingħad għaliex il-partijiet għamlu argumenti kumbattenti fuq dan il-punt.

12. Għalkemm il-liġi tagħti rimedju tal-appell għal quddiem Qorti tal-Appell Ċivili, bis-salvagwardji kollha li din hija mogħnija bihom bil-Kostituzzjoni, fis-sewwa, din il-Qorti ma tilmaħx li fil-mod li jista' jsir u jiġi kondott Appell fit-termini tal-liġi in eżami dan huwa simili għal dak li ordinarjament jissejjaħ Appell. Din il-Qorti pjuttost tilmaħ Qorti ta' reviżjoni, għaliex il-kompetenza tagħha hija limitata għall-pieni biss u mhux per eżempju għall-applikazzjoni ħażina tal-liġi fuq kwistjonijiet li mhux neċessarjament marbuta ma' pieni.

13. Aktar minn hekk biex tassew ikun jista' jissejjaħ appell, il-persuna li qed tappella hija presunta li tkun ipparteċipat attivament bi dritt mogħti mil-liġi b'regoli ċari u mhux b'konċessjonijiet, mill-bidu sal-aħħar tal-proċess li wassal għad-deċiżjoni finali appellata. Kif ser naraw, dan huwa 'l bogħod mill-verita'. Fuq dan il-punt pero' aktar 'l quddiem. Għalhekk li r-rimedju li tagħti liġi meta jiġi msejjaħ Appell, fis-sewwa hija deskrizzjoni legali skorretta jew kif jissejjaħ fl-ingliż "misnomer" legali.

14. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni ser tkun qed tiġi miċħuda.

Il-Korp ma hux il-leġittimu kontradittur

15. Issa jmiss li tiġi trattata l-eċċezzjoni tal-intimat Korp, li ma hux il-leġittimu kontradittur. Din hija t-tielet eċċezzjoni tal-intimat. L-intimat Korp jargumenta, li ġaladarba kull ma qiegħed jagħmel japplika l-liġi, huwa ma għandux iwieġeb għal-lanjanzi kostituzzjonali tar-rikorrent għaliex ma jistax iwieġeb għal kostituzzjonalita' o meno tal-liġi nnifisha.

16. Mill-qari tar-rikors promotur, ir-rikorrent qiegħed ifittex fost oħrajn li ksur tad-drittijiet ġew miksura għal "*mod kif tmexxiet l-investigazzjoni*" (Ara raba premessa a' fol 2). Issir referenza għal dak illi intqal fis-Sentenza fl-**ismijiet Southern Cross SICAV plc -vs- Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja Sede Kostituzzjonali, per Imħallef G. Mercieca, 9 ta' Marzu 2023** fejn intqal hekk:

"*Il-Qorti taqbel li l-Korp ma jweġibx għal allegazzjonijiet ta' liġijiet li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-Bniedem. B'danakollu, din mhix l-unika talba tar-rikorrenti, li qiegħda tilmenta wkoll dwar il-mod kif il-Korp mexxa l-investigazzjonijiet tiegħu u l-mod kif iddeċieda. Għalhekk din l-eċċezzjoni sejra tiġi mwarrba safejn it-talbiet ma jikkonċernawx xi liġi jew xi regolament*" (Ara ukoll **Sentenza per Imħallef Audrey Demicoli fl-ismijiet Phoenix Payments Ltd -vs- Il-Korp ghal Analiżi Finanzjarja et tat-30 ta' Marzu 2023**). Pero apparti dan kollu huwa awspikabbli, li l-intimat Korp jkun presenti fil-ġudizzju, anke minħabba l-integrita' tiegħu għaliex huwa minnu li dak li ried jgħid r-rikorrent u li fil-fatt qallu, jinteressa lilu ukoll.

17. Fl-aħħar nett din il-Qorti tfakkar li l-pieni maħruġa mill-FIAU jiġu miġbura mill-FIAU u dawn jintużaw għall-operat tal-FIAU (Mistqosija Parlamentari a' fol 142). Għalhekk huwa aktar minn ċar, li l-intimat Korp għandu interess dirett fid-dibattitu inkwistjoni għaliex jekk din il-Qorti ser tkun qed tordna r-rifużjoni ta' kull ħlas lura ta' pieni, dan ser tkun qed tagħmlu lill-Korp u mhux lill-intimat Avukat, li jista pero' xorta jinstab responsabbli għal kumpens għal fatt biss tal-ksur tad-dritt minħabba l-anti-kostituzzjonalita' o meno ta' din il-liġi għaliex huwa finalment jirrapresenta lill-Istat u lill-Gvern fil-fergħat kollha tiegħu (ara art 181B (2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta). Huwa l-Korp, li mogħni bil-liġi b'personalita' ġuridika u għalhekk azzjonabbli, li jrid jagħmel ir-rifużjoni, jekk ikun il-każ u mhux l-intimat Avukat tal-Istat, Ara art 15 tal-Kap 373). Pero' dwar dan il-punt, il-Qorti ser tkun qed tirritorna għalih fi stadju ulterjuri ta' din is-Sentenza fil-każ tar-rimedji li ser jingħataw.

Konsiderazzjonijiet

18. Il-punt ċentrali u kardinali li jiddetermina l-parti l-kbira tal-lanjanzi tar-rikorrent hija l-konsiderazzjoni jekk dak li qed jingħad li hija piena amministrattiva hiex fil-fatt piena penali li solitament tiġi imposta fil-każ ta' rejat kriminali, taħt Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta jew kull liġi oħra li tistabilixxi pieni li fin-natura tagħhom għandhom ikunu proċessati mill-Qorti kompetenti, li normalment dejjem tkun il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-Kompetenza ta' Ġudikatura Kriminali.

19. Fil-fatt huwa utli li jiġi rilevat li l-istess Kap 373 tal-liġijiet ta' Malta, jittratta pieni veri u propja' ta' xorta penali f'parti I distintivament mill-pieni amministrattivi f'parti II. Hawn il-liġi tagħmilha ċara, li għaliha dawn tal-aħħar ma għandhomx mill-istess karattru ġuridiku. Tant dan huwa minnu li l-istess liġi biex "isserħilna moħħna !" espressament tgħidilna li fil-każ ta' imposizzjoni ta' dawn ix-xorta ta' pieni l-anqas *hemm ħtieġa ta' seduta il-Qorti* (ara regolament 12 (3)). Il-fatt li l-leġislatur ħass li kellu jagħmel din l-emfażi, ukoll titradixxi d-dubbji tiegħu fil-legalita' o meno ta' din il-parti tal-liġi għaliex jekk mhux hekk, din hija biss tawtoliġija u sofiżmu legali.

20. Id-dibattitu dwar dan l-aspett tal-vertenza ilu għaddej u anke ġie determinat kemm-il darba, kemm minn dawn il-Qrati u anke minn dawk Ewropej. It-tendenza li tingħata interpretazzjoni aktar wisgħa ta' x'jikkostitwixxi *criminal charge* ilha tiġi osservata u f'dan ir-rigward intqal hekk:

"It should also be pointed out, from the outset, that the Strasbourg case-law has led to the creation of new guarantees which are not specifically mentioned in the letter of the article as such, but which have emerged as a consequence of the development of this caselaw. These judge-made guarantees have been considered as natural corollaries of the written guarantees of Article 6 or, better, as guarantees which emanate from its very spirit of protection: the right of access to a court, the right to legal aid, or the equality of arms are three guarantees, now well-embedded in the

judicial conscience, that all come from an extensive interpretation of Article 6. At the same time, and as a result of this extensive interpretation of Article 6, notions which were designed, by the European legislator, to have a more limited purview, have grown, through the case-law, to dimensions expanding the limits of protection of Article 6 in areas far wider than anticipated by its founding fathers. A classic example of this expansionist trend of the case-law is the creation of the autonomous notion of "civil rights and obligations" and of "criminal charge", which now covers categories of cases and proceedings which cannot be considered necessarily to have been anticipated by the drafters of the Convention." (**The Right to a Fair Trial in Civil Cases: Article 6 Para. 1 of the ECHR Mr. Justice Christos Rozakis. Id-Dritt 2006.Vol XlX**).

21. Intqal ukoll li "*<u>The concept of a 'criminal charge' has an 'autonomous' meaning, independent of the categorisations employed by the national legal systems</u> of the member States (Blokhin v. Russia [GC], 2016, § 179; Adolf v. Austria, 1982, § 30). This is true both for the determination of the 'criminal' nature of the charge and for the moment from which such a 'charge' exists*" (Emfażi tal-Qorti).

22. Anke l-Qrati tagħna ma qagħdux lura milli jippronuzjaw rwieħhom dwar dan, mhux biss dwar x'jikkostitwixxi akkuża, iżda anke speċifikament dwar il-piena imposta. Fis-**Sentenza fl-ismijiet Anthony P. Farrugia -vs- L-Onor Prim Ministru et (Rik Nru 8/11JRM)** il-Qorti ikkonkludiet li l-piena

mogħtija ma kienitx tammonta għal waħda ta' natura kriminali, pero' **il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha tat-8 ta' Mejju 2017** dawret dik il-konklużjoni u qalet hekk:

"*Rigward l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li l-multi maghrufa bhala short payment penalties ma jistghux jitqiesu bhala "piena jew kastig kriminali" imma huma biss mizuri ta' deterrent ga ladarba huma jistghu jithassru ghal kollox jew jinhafru jekk it-taxpayer jottempera ruhu mal-ligi, din il-Qorti tosserva li dan ma jipprivahomx mill-karattru punittiv taghhom. Wara kollox anke l-multi imposti mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] jistghu jinhafru, mhux biss mill-President ta' Malta izda anke mill-istess Qorti tal-Magistrati skont it-termini tal-Artikolu 76 tal-Kap 406*".

23. Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti l-konsiderazzjoni importanti fost oħrajn, hija dik kif magħmula mill-ECHR bil-mod kif ser jingħad;

"The 'charge' could, for the purposes of Article 6 par. 1 (art. 6-1), be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence. In several decisions and opinions the Commission has adopted a test that appears to be fairly closely related, namely whether '<u>the situation of the [suspect] has been substantially affected</u>' (Neumeister case, Series B no. 6, p. 81; case of Huber v. Austria, Yearbook of the Convention, vol. 18, p. 356, 67; case of Hätti v. Federal Republic of Germany, ibid., vol. 19, p. 1064, 50, etc.). Under these circumstances, the Court considers that as from 30

September 1974 the applicant was under a 'criminal charge' " (Ara **Deweer -vs- Belgium tas-27 ta' Frar 1980 app 6903/75**).

24. F'dan ir-rigward fil-każ ta' **Eckle deċiż fil-15 ta' Lulju 1982 pg 33** ġie osservat li "*the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence*" b'dana li fis-**Sentenza ta' Foti tal-10 ta' Diċembru 1982 pg 18**, ġie ukoll preċiżat li "*although it may in some instances take the form of other measures which carry the implications of such an allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect*" (emfażi ta' din il-Qorti).

25. Għalhekk dak li trid tagħmel il-Qorti hu, li tevalwa l-proċess li għamel l-intimat Korp fid-dawl tal-liġijiet li mxiet fuqhom. Trid tiskopri, jekk dan il-proċess u multi hekk imsemmija amministrattivi humiex fil-fatt jimmaskeraw proċess li fis-sustanza huwa wieħed ta' natura penali u mhux sempliċiment amministrattiv.

26. Issa l-funzjoni tal-intimat Korp hija determinata minn artikolu 16 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u fost oħrajn jiddisponi hekk:

"*16.(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att u mingħajr preġudizzju għal kull poter ieħor jew funzjoni oħramogħtija lilu b'dan l-Att jew minn xi liġi oħra, il-Korp ikun responsabbli għall-ġabra, l-kollazzjoni, l-ipproċessar, l-analisi u t-tixrid ta' informazzjoni bil-għan li jipprevjeni,*

jinkixef u b'mod effettiv jiġi miġġieled <u>*money laundering*</u> *u finanzjar ta' terroriżmu umingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmigħandu b'mod partikolari jkollu dawn il-funzjonijiet li ġejjin.."* Issa definizzjoni ta' money laundering hija din:

> *"(i) il-konversjoni jew trasferiment ta proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta'għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati* <u>*f'attività kriminali;*</u>
>
> *(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti* <u>*ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali*</u>*;*
>
> *(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament* <u>*minn attività kriminali*</u> *jew minn att jew atti* <u>*ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali*</u>*;*
>
> *(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun nkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament* <u>*minn attività*</u>

kriminali jew minn att jew atti ta'parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;

*(vi) l-aġir bħala kompliċi fit-*tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali *rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii),(iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;"*

27. Din il-Qorti ħasset li kellha li tiċċita dan il-bran tal-liġi *in extenso,* propju biex jinftiehem ir-raġunament tagħha għal dak li ser jingħad. Jirrisulta li d-definizzjoni tal-liġi ta' *money laundering* għalhekk tapplika bl-istess mod, kemm fil-każ ta' proċeduri quddiem Qorti tal-Maġistrati taħt Taqsima I tal-liġi, u kif ukoll għall-Korp taħt Taqsima II, liema Korp huwa inkarigat li jagħmel l-analiżi li twasslu għal pieni amministrattivi li jistgħu jammontaw sa ħames miljun ewro skond regolament 21(4) tal-L.S 373.01. Addirittura l-pieni amministrattivi huma aktar pesanti minn dawk li jistgħu jiġu imposti mill-Qorti tal-Maġistrati skont artikolu 13 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

28. Issa huwa minnu ukoll, li skont Elena Tabone, *head of inspection* tal-intimat Korp, li dak li jiddeciedi l-Korp mhux l-involviment iżda ir-riskju li jinħoloq (ara a' fol 159 tergo). F'dan ir-rigward tkompli tispjega li "*Issa jekk hemmx issues ta' hasil ta' flus dik mhux haga li narawha bhal FIAU. Dik in*

writing imbaghad l-intelligence tghaddi report lill-Pulizija u dik jaraha l-Pulizija u jaghmel investigazzjoni l-Pulizija. Ahna ma naghmlux investigazzjonijiet min-naha taghna. Jigifieri we cannot find, we cannot take action for any money laundering li jaghmlu…" (ara a' fol 204 u 205 tergo). Għalhekk tagħmel distinzjoni fina u rqiqa, dwar dak li jifred l-aġir tal-inimat Korp mill-Id Esekuttiva tal-Pulizija.

29. Il-Qorti ma tiddubitax mill-intenzjoni tajba ta' min qiegħed japplika l-liġi u li f'moħħu qiegħed iżomm distinzjoni bejn il-rwol tal-intimat Korp u l-Pulizija. Pero' il-kwistjoni kollha hi, jekk il-liġi kif inhi u l-imposizzjoni tal-multi li ġġib magħha, humiex ekwipollenti għal proċeduri kriminali u li l-pieni huma tali li jikkaratterizzaw dan, indipendentement minn kull intenzjoni tajba tal-intimat Korp jew deskrizzjoni li tagħti l-liġi ta' dawn il-pieni, f'dan il-każ bħala amministrattivi.

30. Piena sa massimu ta' ħames miljun ewro mhux xi ħaġa ta' biċ-ċajt. Anke piena bħal dik li għandha quddiemha din il-Qorti fil-konfront ta' nutar li għadu relattivament fil-bidu tal-karriera tiegħu, hija piena li fil-fehma ta' din il-Qorti, tista' taffettwa sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu fit-termini ta' kif jispjegaw is-Sentenzi fuq imsemmija tal-ECHR (ara a' fol 60 u 61 FS3 tar-rikorrent għas-sena 2018/19). B'pieni ħafna anqas pesanti minn dawk li jipprospetta l-Kap 373 tal-liġijiet ta' Malta u li nsibu fil-Kodiċi Kriminali u liġijiet oħra, l-akkużat għandu ħafna aktar drittijiet minn persuna li tkun qed

tiġi investigata mill-Korp. Pero' dwar dan l-element aktar tard f'din is-Sentenza.

31. Anke l-istess definizzjoni tal-kelma *money laundering,* timplika kjarament konsiderazzjonijiet ta' natura kriminali għaliex fuq din id-definizzjoni jrid jimxi l-intimat Korp. Il-Qorti tfakkar li din id-definizzjoni tapplika kemm għal proċedura taħt Taqsima I u Taqsima II tal-liġi.

32. Dejjem skont Elena Tabone, "*il-Kumitat jara liema administrative measure timponi fuq dik il-finding biex tassigura li jkun proportionate, effective u dissuasive*" (a' fol 207 tergo). "*Ir-ragunijet ghalfejn nippublikaw ukoll hija illi l-pubblikazzjoni sservi ta' deterrent ghas-S.P. Pero' wkoll biex nedukaw lis-settur u s-subject persons kollha fuq l-obbligi kollha taghhom fil-ligi"* (a' fol 208 Elena Tabone). B'dan kollu "*is-sanctions tool ma humiex pubblici u S.P ma ghandux access ghalihom*". Mela t-tlett elementi li jiggwidaw huma l-proporzjonalita', li jkunu effettivi u li jiddisswadu lil dak li jkun milli jerġa' jagħmel l-istess ħaġa. Dawn it-tlett elementi jissemmew fir-regolament 21 tal-L.N 377/01.

33. L-element li l-aktar jolqot lir-rikorrent fil-laħam il-ħaj huwa dak tal-proporzjonalita' tal-piena, l-għemil u anke l-entrojtu tal-persuna. Issa jekk kien hemm bżonn prova li ma kienx hemm din il-proporzjonalita' fil-piena imposta, hija l-istess Sentenza tal-Qorti tal-Appell, li kif anke jirrisulta mill-atti ta' din il-Kawża, irriduċiet il-piena għal erbat elef ewro (€4000). Għalhekk biss ukoll jista' jingħad li ma hemmx proporzjonalita'. Kien ikun

utli ħafna għal din il-Qorti tkun taf x'wassal lill-Qorti tal-Appell tqasqas il-piena b'daqstant mod drastiku, iżda ħaġa stramba għall-aħħar l-istess liġi tipprekludi dan, kontra kull prinċipju tal-pubbliċita' ta' Sentenzi. Għalhekk din il-Qorti tista' biss tippresumi x'seta' wassal għal dan. Il-Qorti ma tistax tifhem għalfejn f'dan ir-rigward għandu jkun hemm din is-segretezza kollha meta suppost qed nitkellmu fuq riskji u mhux kommissjoni ta' rejat. Għaliex din għandha tkun eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull Sentenza għandha tingħata fil-miftuħ u ippublikata fl-intier tagħha!

34. Li kieku ma kienx hemm kemm tagħlim ġurisprudenzjali u Sentenzi fuq dan il-punt, anke r-raġuni tiddetta, li dawn ma humiex pieni li ma għandhomx ikollhom id-debiti salvagwardji, li jemanu minn artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament. Pieni bħal dawn, issejħilhom x'issejħilhom, għandhom ikunu imposti minn Qorti kif kostituzzjonalment magħrufa jew bl-elementi kif magħrufin u mhux minn korp ta' natura amministrattiva li jopera b'mod opak għall-aħħar u inseminat b'konflitti u interessi. Pero' dwar dan aktar 'l quddiem.

35. Din il-Qorti terġa' tfakkar, bħal ma għamlet drabi oħra, li l-Qrati kif stabbiliti taħt artikolu 95(1) tal-Kostituzzjoni, li huma l-uniċi krejaturi aġġudikatriċi Kostituzzjonali u ebda Korp, Tribunal jew Kummissjoni oħra, ma jistgħu jissubordinaw il-ġurisdizzjoni tal-Qrati għal tiegħu, jekk mhux bil-kelma espressa tal-liġi kif jiddisponi dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni.

36. Ma jiswa xejn li tgħid, kif jagħmel r-regolament 21 (3) tal-Avviż legali tgħid li "*Pieni amministrattivi taħt dawn ir-regolamenti għandhom jiġu imposti mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja* ***mingħajr il-ħtieġa ta' seduta quddiem il-qorti,*** *sew bħala piena fissa ta'darba jew bħala piena kumulattiva ta' kuljum, jew it-tnejn flimkien, u għandhom jiġu imposti skont il-policies u proċeduri stabbiliti mill-Bord ta' Gvernaturi msemmi fl-Att, li għandhom jiżguraw l-impożizzjoni ta' pieni amministrativi li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi*" (Emfażi tal-Qorti). Ironikament huma l-istess Qrati, mogħnija kif inhuma mill-Kostituzzjoni, li finalment iridu jaraw jekk hemmx ħtieġa ta' seduta u mhux xi Korp amministrattiv, għaliex kif inghad, din il-ħtieġa tirrisulta, kemm-il darba l-Qrati jħossu li jridu jkunu imħarsa fost oħrajn id-drittijiet tal-bniedem, ikun kif ikun id-definit ta' għemil il-bniedem f'xi liġi partikulari. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma soda, li dak li għandha quddiemha huwa addebitu ta' għemil kriminali u l-ittra tal-10 ta' Settembru 2021 hija ekwipollenti għall-akkuża kriminali ossija *Criminal charge* u li dawn il-multi għalkemm jissejħu amministrattivi, fil-verita' huma penali. Maħsuba li jippenalizzaw u fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti ma humiex proporzjonali.

37. Il-Qorti hija tal-fehma li l-Korp qed jaġixxi ta' Qorti u Awtorita' aġġudikattriċi meta ma hux joffri s-salvagwardji li joffru l-artikolu 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament. L-Attur f'dan ir-rigward jixhed hekk: *"Il-korp ma infurmanix dwar l-ammont ta' penali li kien bi hsiebu jimponi ghal kull allegat ksur.* <u>*Ghaldaqstant jiena ma kontx*</u>

<u>konsapevoli tan-natura tal-gravita' tal-akkuza li kien qieghed jaghmel il-Korp fil-konfront tieghi</u>" (Emfazi tal-Qorti a' fol 88 Affidavit tal-Attur). Fil-compliance review tal-5 ta' Ottubru 2020 l-FIAU infurmat lill-Attur li "*These account to 3% of the activity but 20% of the value of overall activity. Other business areas include domestic customers purchasing their second home and first-time buyers*". (a' fol 227).

38. Din l-ittra, li tiddentifika n-nuqqasijiet, għandha aktar valur didattiku milli legali u f'ebda ħin ma tiddentifika xi provvediment sostanzjali għajr għal dawk li huma pjuttost ta' natura proċedurali kif indikati fid-diversi liġijiet dwar il-Money Laundering. Imkien f'din l-ittra jew dik tal-10 ta' Settembru ma hemm indikat il-quantum tal-pieni biex ir-rikorrent seta' jifhem il-gravita' ta' dak li kien qed ikunlu mputat. Huwa minnu li l-pieni jissemmew fil-liġi. Imma l-indikazzjonijiet ivarjaw bejn ftit eluf u miljuni ta' ewro. Indikazzjoni fluwida u daqstant impreċiża ma jistax ikollok u li tħallik fi stat fejn ma tkunx taf fejn qiegħed meta, kif rajna, dawk li jissejħu *sanctions tools* ma humiex aċċessibbli għal min qiegħed taħt investigazzjoni. Anke f'dan ir-rigward, din il-Qorti ma tistax tifhem għalfejn din is-segretezza li ċċaħħad lil min qed ikun investigat jagħmel il-kalkoli tiegħu bħal ma jagħmel il-Korp. Element li jinċidi anke fuq il-prinċipju ta' parita' ta' armi (*equality of arms principle*). Pero' dwar dan aktar 'l quddiem.

39. Il-pieni huma stabbiliti skont *sanctions tools* iġġenerata fuq *percentage weight* li tapplika għall-allegat ksur. Il-kumitat jara l-gwida li

tagħtih din u li tissejjaħ *tool* u jikkonsidra jekk hiex ġustifikata (a' fol 159 u tergo). Dan ovvjament isir mingħajr ma' s-SP ma jkollu dritt li jagħmel rappresentazzjonijiet dwar il-quantum tal-piena waqt il-laqgħa li tiddetermina din il-piena għaliex ma għadux disponibbli għalih il-metodu ta' kif tinħadem.

40. Issa jekk hemm prinċipju importanti fil-kamp penali huwa dak li l-pieni għandhom ikun magħrufa *erga omnes*, li jkunu ċari leġifrati u li jistgħu ikunu magħrufa u prevedibbli. Kieku ma kienx hekk kif qatt jista' jiġi invokat il-prinċipju ta' *ignorantia iurisi nemo excusat*!? Dan hu l-element taċ-ċertezza legali.

41. L-Awturi jikkumentaw hekk f'dan ir-rigward *"Moreover, the legal certainty aimed at by the principle requires that the legislature shall formulate the norma of criminal alw clearly and unambiguously, and that the authority applying the law shall interpret these norms restrictively. This requirement serves to avoid that the criminal conviction is based on a legal norm of which <u>the person concerned could not, or at least need not, have been aware before hand</u>"* (Emfażi tal-Qorti, Ara **Van Djik and Van Hoof Theory And Practice of the Eurpean Convention on Human rights , 2nd Ed, page 359**). F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-**Sentenza Doerga -vs- L-Olanda tas-27 ta' April 2004** fejn intqal hekk:

"However, the phrase 'in accordance with the law' implies conditions which go beyond the existence of a legal basis in domestic law and requires <u>that</u>

<u>the legal basis be "accessible" and "foreseeable". A rule is "foreseeable" if it is formulated with sufficient precision to enable the person concerned – if need be with appropriate advice – to regulate his conduct</u>." (Ara ukoll **Kruslin -vs- France** u **Huvig -vs- France**).

42. Issa l-Qorti provat tifhem kif taħdem is-sistema ta' kif jiġu kalkolati dawn il-pieni. Hija sistema aljena għal kollox għas-sistema kif insibuhom f'liġijiet tagħna. Hija sistema pjuttost biżantina u mhux magħrufa għal min ikun qiegħed jiġi investigat. L-anqas waqt l-investigazzjoni ma jsir x'jaf x'piena hemm lest għalih. Din hija sistema li tikkuntrasta ħafna mal-applikazzjoni idejoloġika legali ċara bħal ma fil-fatt tippresenta n-normativa penali fil-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta, fejn il-persuna tkun akkużata b'rejat ben definit u bil-korrispondenti piena li tmur miegħu. Piena magħrufa, ċara u fuq kollox "*forseeable"*.

43. Dan kontrarjament għal pieni plasmatiċi li jimponi l-Korp intimat fuq dawk li tikkunsidra trasgressuri, jekk qatt hemm trasgressjoni kif mifhuma minn ottika ġuridika. Għaliex dak li tippunixxi bil-piena, ma hux aġir esternat bi ħsieb li jista' jwassal għal rejat mill-persuna investigata. Dan qiegħed jingħad għaliex kif diġa' rilevat, dan huwa xogħol il-Pulizija esekuttiva, iżda biss, in-nuqqas ta' konformita' mal-istandards li tesiġi l-liġi, anke jekk effettivament ma jkun sar ebda rejat. Fi kliem l-istess xhieda imressqa mill-Korp intimat, il-liġi sa fejn jirrigwarda lill-Korp, qed tippunixxi r-riskju u mhux in-nuqqas li dak li jġib miegħu. Kunċett pjuttost ġdid, għaliex

la jista' jingħad li dan jammonta għal tentattiv jew kummissjoni ta' rejat. Fil-fehma ta' din il-Qorti, qed jingħata kastig għal xi ħaġa li hija li fis-sustanza tagħha hija simili għad-dnub tax-xewqa.

44. Issa artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni jiddisponi li *" Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak,"* u artikolu 7 korrispondenti tal-Konvenzjoni jgħid hekk *"Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun".*

45. Issa fis-**Sentenza fl-ismijiet Camilleri -vs- Malta tat-22 ta' Jannar 2013, para 34-35 tal-ECHR** stabbiliet li:

"*The guarantee enshrined in Article 7 should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment Article 7 § 1 of the Convention sets forth the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen nulla poena sine lege<u>). It follows that offences and the relevant penalties must be clearly defined by law</u>. This requierment is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provisions and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable (Scoppola v Italy (no. 2) 10249/03 (17*

September 2009)." (ara ukoll **Varvara v Italy 17475/09, G.I.E.M S.R.l. and Others v Italy**).

46. Il-Qorti eżaminat id-dokument A a' fol 28 tal-inkartamenti magħluqa f'envelope. Dan huwa l-proċess ta' kif l-intimat Korp wasal għall-imposizzjoni tal-piena amministrattiva. Kif qatt jista' jkun, b'kull tiġbid tal-immaginazzjoni, li dak li jkun jasal għall-konklużjoni li din hija piena "clearly defined by law". Din ma hiex piena prestabbilta', magħrufa jew tista' tkun magħrufa, iżda maħduma wara, b'kull każ differenti. Għalhekk kif qatt jista' jingħad li hemm il-previdibbilta' tal-piena! Fil-mument tal-investigazzjoni l-anqas l-intimat Korp ma jkun għadu jaf kemm ser tkun din il-multa, meta fil-każ ta' Qorti il-pieni huma magħrufa aprijorisitikament mill-Ġudikant.

47. Di piu' huwa ukoll importanti li jingħad, li l-istess *sanctions policy* tal-intimat Korp kjarament u mingħajr tlaqliq jgħidu li "*administrative penalties are important punitive measures that may be imposed by the CMC for breaches of lawfull requirements, orders, directives envisaged under the PMLA or PMLFTR*" (Emfażi tal-Qorti Ara sezzjoni 1.1 f'paġna 5 tas-Sanctions Policy). Anke l-guidelines dwar artiklu 7 jaghmluha ċara li:

"*An individual must know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it and after taking appropriate legal advice, what acts and/or omissions will make him criminally liable and what penalty will be imposed for the act committed and/or omission (Cantoni v. France, § 29; Kafkaris v. Cyprus [GC], § 140;*

Del Río Prada v. Spain [GC], § 79). The concept of "appropriate advice" refers to the possibility of taking legal advice (Chauvy and Others v. France (dec.); Jorgic v. Germany, § 113).

It follows that in principle, there can only be a "penalty" within the meaning of Article 7 if an element of personal liability has been established in respect of the perpetrator of the offence. There is a clear correlation between the degree of foreseeability of a criminal-law provision and the personal liability of the offender. Thus Article 7 requires a mental link disclosing an element of liability in the conduct of the actual perpetrator of the offence if a penalty is to be imposed (G.I.E.M. S.R.L. and Others v. Italy (merits) [GC], §§ 242 and 246). There may, however, be certain forms of objective liability stemming from presumptions of liability, provided they comply with the Convention, particularly Article 6 § 2 (ibid., § 243)" (emfażi tal-Qorti).

48. Għalhekk il-Qorti taqbel mat-tagħlim tas-sentenza imsemmija ta' Camilleri (supra) u qed tagħmlu tagħha. Dan ifisser, li anke fid-dawl tar-raġjunament aktar 'l fuq, din il-Qorti ser issib li tassew kien hemm il-ksur tal-artikoli 39(8) u artikolu 7(1) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament.

49. Stabbilit li r-rikorrent kien efftivament qiegħed jiffaċċja proċeduri ta' natura kriminali maskerati bħala amministrattivi, jmiss issa li jiġi kkunsidrat jekk il-Korp huwiex Awtorita' indipendenti u imparzjali fit-termini ta' dak li

jridu l-artikoli 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament u li għalhekk huwa f'posizzjoni li jimmetti dawn ix-xorta ta' pieni.

50. Jibda biex jingħad mill-ewwel li dak li jinteressa lil din il-Qorti mhux wisq is-sustanza tal-akkuża, iżda jekk jesistux is-salvagwardji proċedurali li jippermettu smiegħ xieraq. Dwar kif isir il-proċess, il-Qorti spigolat is-segwenti proċeduri:

51. Il-pubbliku ma jistax jattendi tul il-proċess, imma agħar minn hekk, l-anqas is-Subject Person ma jattendi. Pero', meta s-Subject Person jitlob li jiltaqa' mal-Kumitat, qatt ma ġiet miċħuda it-talba (a' fol 151 Dr. Elena Tabone Head Enforcement Section). Din ix-xhud tgħid, li dawn huma l-proċeduri. Pero' dan isir b'konċessjoni u mhux għaliex jesisti dritt fil-liġi.

52. F'din il-proċedura l-anqas ma jkun hemm min jiddefendi l-posizzjoni tas-SP <u>waqt id-determinazzjonijiet saljenti</u> tal-proċess (a' fol 152). Jekk ma jkun hemmx qbil mas-sottomissjonijiet tas-SP ħadd ma jibgħat għalih biex jiċċara jew jispjega (a' fol 152 tergo u 153). Meta jiltaqa' il-Kumitat biex jiddeċiedi dwar il-multa n-nies li jkunu presenti fost oħrajn, ikunu huma impjegati tal-FIAU <u>u SP ma jkunx presenti</u> (a' fol 154). B'dana li r-rapport tas-CMC huwa wieħed intern u cioe' "*an internal working paper <u>intended to assist enforcement officials in better preparing for the presentation of the case to the CMC</u>"* (a' fol 165 para 4.1 *Compliance Monitoring Committee Governing Principle and anf Framework*). <u>Li SB jitlob laqgha mas-CMC ma hiex fil-ligi</u> (a' fol 154). Dan ifisser li hija konċessjoni u diskrezzjonali, anke

jekk talba bħal din dejjem sa issa jidher li intlaqat, għax wara kollox hekk tiddetta r-raġuni, għalkemm dan id-dettam ma hux imnaqqax fl-irħam. Dan ifisser li jiddependi mill-arbitriju tal-Korp jilqax talbiet ta' din ix-xorta. Meta l-Qorti staqsiet jekk tistax tattendi għal xi waħda minn dawn il-laqgħat biex tara kif isiru dawn l-affarijiet ir-risposta kienet le (a' fol 155). Il-Qorti setgħet xorta tordna li dan isir, ħasset li kellha tieqaf hawn minħabba l-prudenza. Il-ħsieb tal-Qorti kien biex ikollha "first hand experience" biex tkun tista' tagħmel apprezzament aħjar fl-interes taż-żewġ partijiet. Imma għal darba oħra ħajt ta' segretezza.

53. Is-sanctions policy li jimxi fuqha l-Compliance Monitoring Committee (CMC) ma hiex pubblika (a' fol 156 tergo). Il-multa hija ġenerata fuq percentage weight li tapplika għall-allegat ksur, pero' l-kumitat jara l-gwida li tagħtu din u li tissejjaħ tool u jikkonsidra jekk hiex ġustifikata (a' fol 159 u tergo). Dan ovvjament isir mingħajr ma' s-SP ma jkollu dritt li jagħmel rappresentazzjonijiet dwar il-quantum tal-multa kif fuq spjegat.

1. B' effett minn Jannar tal-2022 (SPs are being informed in the potential breaches letter that they may request a meeting with the CMC to discuss points raised in their written submissions (a' fol 161).

2. "During deliberation, <u>the enforcement official who presented the case to the Committee shall be present for the entire deliberation in order to provide the Committee with any clarifications or further feedback as necessary</u> (a' fol 170 para 7.3).

3. Jekk xi membru jkollu xi konflitt ta' interess għandu jiddikjara dan il-konflitt u jieqaf milli jkompli jipparteċipa fil-proċess (a' fol 177). Imma is-SP mhux ser ikun f'posizzjoni li jqanqal konflitt għaliex mhux ser ikun presenti.

4. Alfred Zammit jixhed dwar il-proċedura. Is-salarju tagħhom tħallashom l-FIAU (a' fol 184). Agħar minn hekk artikolu 39 tal-Kap 373 jiddisponi li "*<u>Il-profitti kollha</u> li jiġu realizzati mill-Korp għandhom jitqegħdu ġewwa fond ta' riserva li għandu jintuża għal dawk il-finijiet hekk kif il-Korp jista' jqis li jkun meħtieġ biex ikun jista'jwettaq il-miri tal-Korp innifsu, inkluż il-ħlas lura tal-passiv li jista' jkun hemm*". Dan anke jirrisulta minn mistoqsija Parlamentari li giet esebita fil-kors ta' dawn il-proċeduri (Emfażi tal-Qorti a' fol 147).

54. Meta l-Qorti qieset sewwa l-provi, jirrisultalha li fid-dawl ta' multi tant pesanti, il-proċess kollu huwa nieqes minn dawk is-salva gwardji li jridu l-artikoli tal-Kostituzzjoni imsemmija. Għalhekk dawn il-liġijiet, li tassew huma esiġenza ta' trattati internazzjonali, wara li d-dinja waqgħet f'kaos finanzjarju, il-Qorti tfakkar dak li jiddisponi l-artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni:

*"**Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni**, il-Parlament jista' jagħmel liġijiet għall-paċi, ordni u gvernar tajjeb ta' Malta **b'mod konformi ma' rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem**, il-prinċipji ġeneralment aċċettati tad-dritt internazzjonali u l-obbligi internazzjonali u*

reġjonali ta' Malta partikolarment dawk assunti: bit-trattat tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April, 2003."

55. Għalhekk huwa ndubitat li kwalunkwe liġi, anke jekk imnissla minn trattati internazzjonali, inkluż dak ta' Greċja, jekk dawn ikunu kuntrarju għad-drittijiet fundamentali ma huma ser isibu ebda ħajt ta' kenn ma' dawn il-Qrati. Dan l-artikolu jagħmilha ċara, li li dak li jingħad fih huwa bla ebda ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, inkluż għalhekk artikolu 6 li jippronunzja s-supremazija tal-Kostituzzjoni fuq kull liġi, tkun liema tkun. Dan, ġaladarba dan l-artikolu ma jissubordinax lill-Kostituzzjoni għal xi liġijiet oħrajn.

56. Ma hemm ebda dubbju, li kapitlu erbgħa tal-Kostituzzjoni, apparti li huwa l-pedament tal-ħajja demokratika ta' kull ċittadin, huwa ukoll imħares mill-artikolu 6. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tas-sitt eċċezzjoni tal-intimat Korp, peress li jargumenta, li l-Kap 373 huwa trasposizzjoni tad-direttivi tal-Unjoni Ewropeja u għalhekk hemm is-supremazija tal-liġi Kommunitarja.

57. Imma meta din il-Qorti kkuntrastat id-drittijiet li għandha persuna quddiem Qorti bis-salvagwardji kollha kostituzzjonali u konvenzjonali sabet dan:

li *subject person* bħal ma hu r-rikorrent, għalkemm tassew jingħata opportunita' jwieġeb għar-rapport tal-FIAU, kostrett bil-ħin li din tal-aħħar ma kellhiex, u li jista' ukoll, jekk irid jitlob, li jiltaqa' mal-uffiċjali tal-FIAU

biex jiċċara xi affarijiet, id-dritt tiegħu jieqaf hawn. Jidher ċar li min ikun qiegħed jiġi investigat għandu telgħa wieqfa ħafna u dan kontra dak li trid sistema ta' konradittoria (*adversarial*).

58. Is-subject person la għandu d-dritt jattendi għall-proċess u l-anqas fl-agonijia tiegħu, meta tkun qed tiġi diskussa il-piena. La għandu dritt li jaħtar lil xi ħadd jirrapresentah tul il-proċess fil-waqt li dawk li ħejjew ir-rapport u tħejjew anke internament għall-udjenza finali fuq il-piena, jistgħu ikunu presenti f'każ li jkun talba għal kjarifika. Ir-rikorrent ma għandux dan id-dritt. Ma hemm xejn li huwa pubbliku, lanqas Sentenza tal-Qorti tal-Appell (ara art 13 tal-Kap 373). Di piu' jekk xi ħadd minn dawk li għandu jiddetermina dwar il-piena, għandu konflitt ta' interess, irid ikun dan minn jheddu li jiżvelah, ħaġa li ma jistax iqanqal ir-rikorrent.

59. Kif ġie osservat "*The right to a fair trial supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle which applies to both civil and criminal proceedings, require each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent"* (Vide **Harris, O'Boyle and Warbrick opr cit pg 414**). Issa bir-rispett kollu, din il-Qorti bil-mod kif inhi imfassla l-liġi, bil-mod kif jiġu kondotti l-investigazzjonijiet u bil-mod kif tiġi formulata l-piena, din il-Qorti tilmaħ kollox, minbarra parita' ta' armi fis-sens kif trid sistema ta' kontradittorja.

60. Jekk ma tridx, l-impjegati tal-intimat Korp, huma imħallsa minnu u li s-sistema kollha hija awto finanzjata, tant li skont kif tgħid il-liġi (supra) mill-profitti. Il-profitti, kjarament ġejjin fost oħrajn minn dawn il-pieni (ara ukoll a' fol 142 mistoqsija parlamentari).

61. Interess ċar u dirett daqshekk ma jistax ikollok fl-imposizzjoni tal-multi. Il-Qorti ma hiex tgħid li dan qiegħed isir, iżda dan żgur ma jawgura xejn tajjeb għat-test oġġettiv tal-imparzjalita' tal-organu li għandu jiġġudika. Huwa prinċipju kardinali li min jissejjaħ biex jgħaddi ġudizzju ma għandux ikollu r-remunerazzjoni tiegħu, jekk mhux minn sorsi indipendenti u mingħajr ebda konnessjoni ma' materja li jrid jiddeċiedi dwarha. Il-Qorti appositament qegħdha tagħmel referenza għall-materja u mhux neċessarjament mal-każ partikulari li jkollha quddiemha.

62. Il-fatt li l-ħlas tal-Kumitat u tal-Korp ġejjin, jekk mhux kollha, in parti żgur, mill-pieni li jiġu prelevati, dan huwa fih innifsu prinċipju perikoluż u ċertament itebba' is-sens ta' imparzjalita' ta' min jiġi imsejjaħ biex jgħaddi ġudizzju. Għalhekk il-prinċipju anglosassonu ta' *Justice must only be done but must be seen to done,* li għandu tifsira aktar wisgħa u perswaživa minn kull prinċipju ieħor kontinentali fuq dan is-suġġett.

63. Dwar il-fatt li liġi tagħti d-dritt lir-rikorrent, appell mill-imposizzjoni tal-pieni, il-Qorti tagħmel tlett osservazzjonijet:

L-ewwel il-fatt li hemm dan l-appell ifisser li kien hemm xi deċiżjoni ġejja minn xi Korp aġġudikattiv. Ma hemmx appelli jekk mhux minn xi forma ta' Sentenza. Għalhekk, fil-waqt li kif rajna, l-istess liġi tagħmel emfażi li ma hemmx ħtieġa ta' seduta quddiem Qorti, fl-istess nifs tippermetti appell għal quddiem waħda mill-Qrati għoljin. Għalhekk huwa għal kollox kontrosens, li dan l-intervent tal-Qrati ma għandux ikun ukoll fl-istadju aktar bikri tal-proċess meta tkun qed tiġi imposta l-piena ġaladarba xorta jkun hemm possibilita' din is-seduta f'każ ta' appell. A skans ta' repetizzjoni ssir referenza għal dak li diġa' intqal aktar 'l fuq dwar din il-kwistjoni.

It-tieni, li għalkemm ir-rimedju jagħti dritt ta' appell għal quddiem il-Qorti tal-Appell Civili bis-salvagwardji kollha li hija mgħonija bihom bil-Kostituzzjoni, fis-sewwa, din il-Qorti ma tarax li qiegħed jintlaħaq. Kif diġa' spjegat, din il-Qorti pjuttost tilmaħ Qorti ta' reviżjoni aktar milli ta' appell, għaliex il-kompetenza tagħha hija limitata għar-reviżjoni ta' pieni biss u mhux per eżempju għall-applikazzjoni ħażina tal-liġi fuq kwistjonijiet li mhux neċessarjament marbuta ma' pieni.

It-tielet biex ikun appell dan irid ikun proċeduralment integru, fis-sens li l-persuna li qed tappella hija presunta li tkun ipparteċipat attivament bi dritt u mhux b'konċessjoni, mill-bidu sal-aħħar tal-proċess li wassal għas-Sentenza appellata. Kif rajna, dan huwa 'l bogħod mill-verita'.

64. Il-Qorti tinnota ukoll, li skond artikoli 18 u 19 tal-Kap 373, il-Korp huwa magħmul minn Bord. Jibda biex jiġi nnotat li dawn "*jżomm il-kariga*

tiegħu għal perjodu ta' ħames (5)snin u, meta jintemm iż-żmien tal-kariga tiegħu, jista' jerġa' jiġi magħżul jew maħtur fuq il-Bord, u l-membri kollha tal-Bord għandhom jingħataw dik ir-rimunerazzjoni li l-Ministru jista'jistabbilixxi minn żmien għal żmien". (Emfażi tal-Qorti).

65. Fil-verita', fis-sentenzi li ltaqat magħhom din il-Qorti, ma jidhirx li hija ħtieġa *sine qua non* li jkun hemm minimu ta' perjodu speċifikat għaż-żamma ta' uffiċċju ta' Ġudikant. Imma li ġudikant ma jitneħħiex fil-perjodu li jkun qiegħed iservi huwa prinċipju korrollarju għall-indipendenza tiegħu. Għalhekk jista' jkollok sitwazzjoni, fejn persuna tkun maħtura għall-perjodu partikulari.

66. B'daqshekk mhux bil-fors ħażin, iżda il-problema tqum, meta dan il-perjodu ikun jista' jiġi imġedded, peress li sitwazzjoni bħal din tista' isservi ta' karrotta istituzzjonali. Per eżempju, fil-każ ta' Kap 555 tal-liġijiet ta' Malta li jittratta l-Liġi tal-Arbitru Dwar is-Servizzi Finanzjarji tagħmilha ċara f'artikolu 15.(1) li *" L-Arbitru għandu jżomm il-kariga għal perjodu ta' seba' snin li warajh m'għandux ikun eliġibbli li jerġa' jinħatar".* Similment art 4(5) tal-Liġi Dwar it-Talbiet iż-Żgħar, Kap 380 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li "*Il-ġudikaturi jinħatru għal żmien ħames snin u, meta jiskadilhom iż-żmien, ma jkunux eliġibbli biex jerġgħu jiġu maħtura*".

67. Jidher li hemm raġuni għalfejn għal dan f'dawn il-liġijiet. Għaliex hija hatra ta' min huwa imsejjaħ biex jiddeċiedi dwar dritt. Ara fil-każ tal-Liġi dwar L-Arbitru tas-Servizzi finanzjarji, il-membri maħtura fil-Bord huma

eliġibbli li jkollhom il-kariga tagħhom imġedda, imma dan għaliex ma jispettax lilhom jiddeċiedu l-każijiet li jiġi quddiem l-Arbitru, li fil-funzjoni aġġudikatriċi tiegħu huwa indipendenti mill-Bord. Imma fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, huwa l-Korp li jiddeċiedi u b'dana kollu ma hemm ebda salvagwardja kif hemm fil-liġijiet appena imsemmija.

68. Imma xorta jiddependi miċ-ċirkostanzi. Per eżempju fil-każ tal-ħatra ta' Imħallef internazzjonali fuq rejati tal-gwerra, iż-żmien taż-żamma tal-ħatra għal sentejn kienet meqjusa tajba, imma għaliex il-ħtieġa kienet għal kwistjoni temporanja u li *ergo* jfisser li jekk ma tkunx waħda hekk ma hiex konformi mal-liġi (ara **Maktouf and Damjanović v. Bosnia and Herzegovina [GC], 2013, § 51**).

69. Imma fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, iċ-ċirkostanzi altru milli huma temporanji iżda kontinwi u *"on going",* tant li dawn il-Qrati ta' kuljum ikollhom jiddeċiedu dwar vertenzi ta' din ix-xorta, bħal ma l-istess ma humiex temporanji il-każijiet li jiġu quddiem l-Arbitru jew ġudikanti tat-Talbiet Żgħar. Il-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament manifestament ma kienux imfassla għal materja temporanja.

70. Għalhekk minn dan l-aspett, il-Korp huwa wkoll mankanti fl-indipendenza tiegħu għaliex ma għandux ħatra fissa iżda waħda li tista' tkun prorogabbli, li ma hija ħaġa xejn sewwa. Kwantu għar-remunerazzjoni tal-Korp, diġa' saru d-debiti osservazzjonijiet aktar 'l fuq.

71. Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għad-dokument intitolat *"Compliance Monitoring Committee Governing Principles and Frame Works."* (a' fol 168). Dan ma hux Kumitat imwaqqaf *ad hoc* mil-Liġi nnifisha, iżda huwa parti mill-Korp u imwaqqaf internament minnu. Dan il-kumitat huwa fost oħrajn maħsub "*to comprise financial administrative penalties, follow up and remediation directives, written reprimands, and any administrative actions that FIAU* <u>*through the CMC*</u> *may undertake or impose in terms of Law."* (Emfażi tal-Qorti a' fol 165). Fil-parti ta' dan id-dokument intitolat "*Membership of the Committee and Committee Governance*" fost il-membri li jikkomponuh insibu, lill-Kap tad-Dipartiment tal-Infurzar tal-Korp u kif ukoll rappresentanti tas-sezzjoni tal-infurzar u Direttur, li ma hux ċar jekk hux dak maħtur li jaġixxi ta' Direttur tal-Korp bis-saħħa tal-artikolu 23 tal-Kap 373.

72. Meta l-Qorti tara dan kollu, issibha diffiċli li ma tasalx għall-konklużjoni, li ma tesistix relazzjoni istituzzjonalment inċestwali, fis-sistema ta' kif jiġi amministrat il-proċess. Issibha diffiċli, kif qatt jista' jkun tqis lil min jinvestiga għandu ukoll subgħajh fil-formulazzjoni tal-*breaches* u pieni, qatt jista' jitqies li huwa ħieles minn bias, għall-fatt biss li kien hu li għamel jew kien reponsabbli għall-investigazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti din is-sistema twelled minotawr, nofsha bniedem u nofs l-ieħor xi ħaġa oħra. Ma tafx fejn tibda linja u tispiċċa oħra u fi kwistjonijiet fejn kif diġa' rilevat hemm fin-nofs pieni pesantissimi.

73. Bħala riepologu, din il-Qorti tifhem il-preokupazzjoni tal-fawturi wara dawn il-liġijiet. Pero' biex jilħqu l-għanijiet tajba b'dawn il-liġijiet, dawn ma jistgħux jagħmluh a' spejjes tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Il-Qorti tfakkar li fl-istorja tal-bniedem kien hemm mumenti fejn ġew promulgati l-aktar liġijiet anti-demokratiċi bl-oġġettiv li jinġieb ordni u dixxiplina, li fihom infushom kellhom għan tajjeb. Huma l-fawturi ta' dawn ix-xorta ta' liġijiet li jridu jaraw li jiġu salvagwardjati dawn id-drittijiet u mhux l-individwu. Id-dritt ta' kull individwu fis-Soċjeta' huwa li jgħix fi klima demokratika sana, għad-dell ta' liġijiet li ma jipperikolawhiex.

74. Fl-aħħar nett, il-Qorti tiċċara, li b'din is-Sentenza ma hiex tikkolpixxi li jingħata l-poter lill-Korp intimat li jimponi pieni amministrattivi. Sakemm dawn ikunu veru amministrattivi u fil-limiti tar-raġjonevolezza, iċ-ċertezza tal-liġi u kif ukoll konformi mad-dettami tal-Kostituzzjoni. F'dan il-każ ma jkun hemm xejn ħażin. Li hemm ħażin meta l-mod u l-mezz kif jiġu adoperati dawn il-liġijiet ma jsirx b'rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Decide

Għaldaqstant din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

Tilqa' l-ewwel talba tal-Attur limitatament għall-artikoli 13(1)(b) u (2), 13A u 13B tal-Kap 373 tal-liġijiet ta' Malta u kif ukoll ir-regolament 21 tal-A.L

373/01, jilledu d-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa mill-artikoli 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u l-konvenzjoni rispettivament.

Tilqa' it-tieni talba konformament mal-akkoljiment tal-ewwel talba u b'referenza għall-artikoli hemm imsemmija.

Tilqa' it-tielet talba u tiddikjara li bil-mod kif tmexxew l-investigazzjonijiet u l-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-Deċiżjoni, inkluż il-mod kif inħarġet il-minded letter, jilledi d-drittijiet fundamentali tal-Attur kif imħarsa mill-artikoli 39(6)(a) u l-artikolu 6(3) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament.

Tilqa' r-raba' u l-ħames talbiet fis-sens, li l-mod kif jiġu imposti l-multi bis-saħħa tal-artikolu 13 tal-Kap 373 tal-liġijiet ta' Malta u Regolament 12 tal-L.N 373/01 jilledu d-drittijiet fundamentali tal-Attur kif imħarsa mill-artikoli 39(8) u 7 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament.

Tilqa' is-sitt talba u konsegwentement tiddikjara bħala nulli u bla effett il-proċeduri investigattivi ta' compliance li għamel il-Korp.

Tilqa' is-sebgħa talba u tiddikjara bħala nulla u bla effett id-deċiżjoni tal-Korp u għalhekk qed tħassaraha.

Tilqa' it-tmien talba u tikkundanna lill-Korp irodd lura lill-Attur kull piena li dan laħaq ħallas u kif ukoll lill-Avukat tal-Istat, iħallas lill-istess Attur is-somma ta' tlett elef ewro (€3000) bħala danni non-pekunjarji.

Spejjes tal-proċedura in solidum bejn il-Korp u l-Avukat tal-Istat.

Imħallef Toni Abela

Deputat Reġistratur